**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Simon Galea)**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Charles Paul Muscat**

Numru: 54/2013

Illum 27 ta' Marzu 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Charles Paul Muscat,** ta' tletin (30) sena, iben Saviour u Frances nee' Galea, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar l-10 ta' Frar 1983, residenti fil-fond 'Villa Gnien is-Sultan', Triq Sannat, Sannat, Ghawdex u Ankra Court, Flat 6, Triq in-Narciz, Xlendi limiti tal-Munxar, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 4583G, akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' April 2013 u fil-granet ta' wara gewwa Marsalforn, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer, f'hinijiet differenti:

1. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta' PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti (Art. 96 tal-Kap. 9);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżża' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Art. 95 tal-Kap.9);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku (Art. 338(ee) tal-Kap. 9);

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bil-mutur tal-ghamla Fiat bin-numru tar-registrazzjoni BON114 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, u b'mod perikoluz (Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65);

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi malli kien qieghed isuq l-imsemmija vettura u waqt li kien riesaq lejn 'pedestrian crossing' naqas li jnaqqas il-velocita' (Art. 89(1) tal-L.S. 65.11);

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi malli kien qieghed isuq l-imsemmija vettura ecceda l-limitu ta' velocita' waqt li kien ghaddej minn gewwa Belt jew Rahal (Art. 127(1) tal-L.S. 65.11);

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura kontra s-sinjali li kien jindika li ma hemmx dhul (It-Tieni Skeda tal-Kap. 65);

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti

tal-Magistrati (Ghawdex) fid-digriet mahrug nhar it-8 ta' Frar 2011 mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. u hekk kif sussegwentament gew emmendati (Art. 579(2) tal-Kap. 9);

U aktar talli fl-24 ta' Mejju 2013 u fil-granet ta' qabel gewwa diversi postijiet f'dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti:

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'qerq ħoloq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat (Art. 110(1) tal-Kap. 9);

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi iddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-traċċi ta' reat b'mod li setghu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar (Art. 110(2) tal-Kap. 9);

11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bil-hsieb li jaghmel hsara lil PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli, PC870 Ruben Farrugia akkuza lil imsemmija persuni quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti (Art. 101(1) tal-Kap. 9);

12. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli, PC870 Ruben Farrugia weggaghhom bi kliem, b'gesti, b'kitba jew b'xi mod iehor (Art. 252(1)(3) tal-Kap. 9);

13. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'xi mezz permezz ta' pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, ikun x'ikun il-post li minnu origina l-istampat, jew bil-mezz ta' xi xandir ghamel malafama lil PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli, PC870 Ruben Farrugia (Art. 3 u Art. 11 tal-Kap. 248);

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-imputat u kif ukoll tordna li s-somma totali ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (25,000) imsemmija fl-obbligazzjoni

tghaddi favur il-Gvern ta' Malta u dan skont l-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9;

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna wkoll l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal dak iz-zmien li l-istess Qorti jidrilha li huwa xieraq u dan skont l-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 795) datata 15 ta' Novembru 2016 li permezz taghha baghat lill-imputat Charles Paul Muscat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Fl-Artikoli 95; 96(a); 338(ee); 579(2),(3) u (4); 110(1); 110(2); 101 u 252 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-Artikolu 15(1)(a), (2) u (3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fir-Regolament 89(1) u 127(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Avviz Legali Numru 128 tas-sena 1994 hekk kif ukoll gie sussegwentement emendat (L.S. 65.11); u
(d) Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-8 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 805 u 806), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-15 ta' Novembru 2016, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim Imhallef.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2017 il-Qorti tat il-fakulta' lill-Prosekuzzjoni, lill-*parte civile* u lid-difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-*parte civile* u l-Prosekuzzjoni pprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub fid-29 ta' Dicembru 2017.

Rat illi d-difiza pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fis-27 ta' Frar 2018.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**XHIEDA**

F'dan il-kaz instemghu sitta u tletin (36) xhud:

Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 34 et seq.), PS715 Lucian Gatt (a fol. 48 et seq.), PC138 Joseph Portelli (a fol. 64 et seq.), PC870 Ruben Farrugia (a fol. 94 et seq.); Emanuel Cini (a fol. 172 et seq.), Dr. Joseph Grech (a fol. 182), Dr. Joseph Farrugia (a fol. 188 et seq.), Dr. Nathalie Gatt Ellis (a fol. 208 et seq.), Dr. John Borg (a fol. 212 et seq.), Emanuel Cini (a fol. 223), Dr. Peter Muscat (a fol. 240 et seq.), PS820 Jonathan J. Vella (a fol. 242 et seq.), PS581 Loreto Buttigieg (a fol. 247 et seq.), PC625 Josef Saliba (a fol. 253 et seq.), Emanuel Mercieca (a fol. 428 et seq.), Sonia Vella (a fol. 464 et seq.), PC1279 David Theuma Scerri (a fol. 479 et seq.), WPC133 Althea Sammut (a fol. 487 et seq.), Dr. Mario Scerri M.D. (a fol. 507 et seq.), Spettur Dennis Theuma (a fol. 518), Spettur Frank Anthony Tabone (a fol. 519 et seq.), PS698 Shaun Tabone (a fol. 532 et seq.), PC1053 Michael Falzon (a fol. 535 et seq.), PC155 Charlton Xerri (a fol. 539 et seq.), Dr. Joseph Farrugia (a fol. 702 et seq.), PC1053 Michael Falzon (a fol.704 et seq.), Dr. Joseph Farrugia (a fol. 713), Supretendent Simon Galea (a fol. 728 et seq.), l-Assistent Kummissarju Mario Spiteri (a fol. 748 et seq.), Supretendent Simon Galea (a fol. 783), Dr. Martin

Bajada (a fol. 788), Dr. Joseph Grech (a fol. 797), l-imputat Charles Paul Muscat (a fol. 811 et seq.), Roderick Muscat (a fol. 833 et seq.), Gioacchino sive Jack Galea (a fol. 839 et seq.) u Sonia Vella (a fol.863 et seq.).

**Il-fatti specie tal-kaz**

Il-fatti fil-qosor li wasslu lill-Pulizija tistitwixxi dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputat huma kif gej u dan skont kif hareg f'dan il-process:

L-imputat kien qed jibbenefika mill-helsien mill-arrest pendenti proceduri kontra tieghu mill-Pulizija dwar reati ohra, li kien gie moghti lilu b'digriet tat-8 ta' Frar 2011 mill-Magistrat Edwina Grima[1].

Wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kienet li l-imputat irid jirrinkaza ruhu sa mhux aktar tard mid-disgha ta' bil-lejl (9.00p.m.) u ma johrogx mid-dar qabel is-sitta ta' filghodu (6.00a.m.). Kien awtorizzat li jkun barra biss bejn id-disgha ta' bil-lejl (9.00p.m.) u s-sitta ta' filghodu (6.00a.m.) ghal ragunijiet ta' xoghol. Il-hin ta' rinkazar kie gie sussegwentement estiz sa nofsillejl.

Fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' April 2013, PS715 Lucian Gatt, PS138 Joseph Portelli, u PS870 Ruben Farrugia kienu *patrol*. Ghall-habta ta'

[1] Kopja ta' dan id-digriet tinsab esibita markata dokument FT1 a fol 151

nofsillejl nieqes ghaxra (11.50p.m.) waqt li kienu ghaddejjin minn Triq Il-Qolla s-Safra, Marsalforn, innotaw il-vettura tal-imputat tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni BON 114 li kienet ipparkjata quddiem il-flat fejn kien joqghod Emanuel Mercieca maghruf bhala Leli l-Malti. Kemm Emanuel Mercieca kif ukoll l-imputat Charles Paul Muscat huma persuni li l-Pulizija kienet taf min huma.

It-tliet ufficcjali tal-Pulizja ghamlu l-verifiki taghhom mal-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex, dwar il-hin ta' rinkazar tal-imputat u gie konfermat lilhom minn WPC133 li l-imputat ried ikun rinkazat sa mhux aktar tard minn nofsillejl.

Huma ghalhekk komplew bil-*patrol* taghhom, u ghall-habta tas-siegha ta' bil-lejl tal-15 ta' April 2013, waqt li kienu ghaddejjin minn Triq Manwel Magro, Marsalforn, huma gew wicc imb'wicc mal-vettura BON 114. Huma gharfu lill-imputat li kien isuq. Kien wahdu fil-karozza.

PS715 Lucian Gatt ta struzzjonijiet lil PC138 Joseph Portelli sabiex jimblokka t-triq bil-karozza li kienu rikbin fiha u lil PC870 Ruben Farrugia biex jinzel mill-karozza u jwaqqaf lill-imputat u jehodlu c-cavetta tal-karozza. Kif ra lil PC870 nizel mill-karozza l-imputat kien pront saq ghal fuqu u harab minn fuq il-post billi saq b'velocita' qawwija hafna, nizel minn Triq ix-Xtut ghal-Triq Santa Marija u kiser man-naha tal-lemin tieghu u saq kontra s-sinjal tal-*One-way*, saq lejn id-direzzjoni tal-*parking*.

Huwa baqa' jigi segwit mill-pulizja li mbaghad ippruvaw jintercettawh u jimblukkawlu l-karreggjata fir-roundabout ta' Triq ir-Rabat, Marsalforn. L-imputat saq b'kemm kellu sahha u ghadda zbrixx minn mal-vettura li fiha kienu rikbin it-tliet pulizija u baqa' jsuq lejn ir-Rabat. Huwa baqa' jigi segwit it-triq kollha minn Marsalforn ghar-Rabat u fl-inkrocju ta' Triq Ir-Repubblika, Victoria, l-imputat gie osservat li baqa' jsuq bl-istess velocita' eccessiva minn fuq il-*pedestrian crossing*, gibed ghal Pjazza San Frangisk, ghal Triq L-Isptar San Giljan, Fontana, ghal Triq Tal-Ghajn fejn hemmhekk it-triq kienet imblukkata b'gaffa billi kienet temporanjament maghluqa minhabba xi xogholijiet li kienu qeghdin isiru fiha. Hawn il-pulizija tilfu lill-imputat u ghaddew minn triq dejqa wara l-knisja tal-Fontana u qabdu t-triq tax-Xlendi.

Huma sabu l-vettura pparkjata quddiem il-bieb tal-flat tal-imputat. Innotaw li l-magna tal-karozza tal-imputat kienet ghadha tfaqqa' tibred mis-shana. Wara li cemplu u habbtu fuq il-bieb tal-blokka u ma fetah hadd, il-pulizija faqghu il-panewa t'isfel tal-bieb u dahlu fil-kaxxa tat-tarag u wara li habbtu fuq il-bieb tal-appartament fejn kien joqghod l-imputat u baqa' ma wegibhomx huma sgassaw il-bieb gewwa u hemm sabu lill-imputat u arrestawh. Huwa rrezista l-arrest u gie mmanettjat u mehud l-Ghassa tal-Pulizija ta' Victoria.

Permezz ta' *email* tat-30 ta' April 2013, li ntbaghtet mill-Avukat Tonio Azzopardi lill-Kummissarju tal-Pulizija, l-imputat allega li dakinhar li gie arrestat f'daru mit-tliet ufficcjali tal-Pulizija fil-lejl ta'

bejn l-14 u l-15 ta' April 2013, huwa gie msawwat u trattat hazin, liema allegazzjonijiet gew michuda mill-ufficcjali msemmija.

Il-prosekuzzjoni sostniet li l-allegazzjonijiet li bihom l-imputat xela lit-tliet ufficjali tal-pulizija quddiem awtorita' kompetenti bi tracci ta' reat kien jaf li dan ma sarx, izda ghamel dan b'qerq biex ibieghed mill-attenzjoni fuqu jew biex inaqqas mill-gravita' tar-reat minnu mwettaq meta nstab barra bil-lejl wara l-hin ta' rinkazar bi ksur tal-*bail conditions*.

Id-difiza taghti stampa differenti ta' kif graw il-fatti fejn issostni li ma kienx l-imputat Marsalforn dak il-lejl, kienet Sonia Vella li saqet il-vettura minn hemm sax-Xlendi, li l-imputat kien rieqed id-dar, li l-ufficcjali tal-pulizija dahlu ghalih billi faqghu l-bibien, sawtuh u arrestawh. Id-difiza sostniet ukoll li l-akkuzi li bihom jinsab mixli l-imputat huma fabbrikati.

Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha a fol 927 dwar it-tfittxija li saret fil-flat tal-imputat issostni li:

> *Ma kellhom l-ebda raġuni biex jaħsbu illi Charles Paul Muscat kien qiegħed jittraffika d-droga. Kemm-il darba fil-passat, saru tfittxijiet fuqu, fuq il-partner tiegħu, fil-karozza tiegħu, fir-residenza tiegħu – u qatt ma sabu ebda droga fuqu jew għandu. Saħansitra għamlu riċerki biex jaraw x'assi għandu u ma sabu xejn li jqanqal suspett.*

Fl-istess nota jintqal ukoll:

*Ghalkemm uhud mill-pulizija ppruvaw ihammgu lill-imputat, il-verita` hi li qatt ma sabulu droga, qatt ma ttraffika droga, u dan minkejja d-diversi tfittxijiet fuq persuntu, kif ukoll fid-dar tieghu, fil-karozza tieghu, fuq il-partner tieghu – kull meta giehom ic-cans. Charles Paul Muscat huwa biss skrivan mal-Gverrn; huwa ma jippossjedi xejn, jaqlaghha u jiekolha. Imma lil uliedu jiehu hsiebhom.*[2]

Dwar ghaliex l-imputat kien bil-liberta' provvizorja u l-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti l-Ispettur Dennis Theuma llum Assistent Kummissarju xehed fis-seduta tad-29 ta' April 2015:

*A fol 151 u 152 bażikament hawn il-bail conditions illi kienu ngħataw minn dak iż-żmien Maġistrat sedenti Dottor Edwina Grima fil-kumpilazzjoni Pulizija Spettur Dennis Theuma kontra Charles Paul Muscat, id-data kienet tat-tmienja (8) ta' Frar two thousand eleven (2011). Allegatament, u fil-fatt għadu allegatament għax il-proċeduri għadhom għaddejjin Charles Paul Muscat f'Jannar tat-two thousand eleven (2011) kien tressaq il-Qorti akkużat b'assoċjazzjoni fi traffikar ta' ammont ta' raża tal-kannabis, Sur Maġistrat, u kif diġà għidt il-proċeduri għadhom pendenti.*[3]

[2] A fol. 934
[3] A fol. 518

**TALBA GHAL STENNIJA TA' EZITU**
**TA' KAWZA KOSTITUZZJONALI**

Din il-Qorti l-ewwel li se tindirizza hi t-talba tad-difiza li l-Qorti m'ghandiex taghti din is-sentenza u tistenna l-ezitu ta' Kawza Kostituzzjonali li fetah l-imputat:

> Hawnhekk ghandna kaz li gie sottomess minn Charles Paul Muscat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) b'lanjanzi serji hafna fil-konfront tal-pulizija. Il-proceduri Kostituzzjonali issa waslu lejn it-tmiem taghhom, kif juri l-ahhar verbal tal-proceduri Kostituzzjonali. Fl-umili fehma ta' l-esponent, ikun xieraq illi din l-Onorabbli Qorti tistenna l-ezitu tal-proceduri Kostituzzjonali qabel ma tippronunzja ruhha. Hemm in ballo d-drittijiet fondamentali ta' Charles Paul Muscat li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) mistennija tippronunzja ruhha dwar jekk kienx hemm vjolazzjoni ta' dawn id-drittijiet fondamentali. Issir riferenza ghall-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni u ghall-Artikolu 4 (3) tal-Kap 319 fejn jintqal illi –
>
> Jekk f'xi procedimenti f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-

Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vassatorja; u dik il-qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), **il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-decizjoni.**

Fil-kaz prezenti, ghalkemm ma saritx Riferenza Kostituzzjonali kif kien talab l-imputat, l-imputat xorta wahda istitwixxa proceduri Kostituzzjonali. **Izda l-principju jibqa' l-istess wiehed**: *"il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni"*. Ghalhekk, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – li hija qorti gerarkikament inferjuri ghall-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) – hija marbuta li tistenna l-pronunzjament fil-proceduri Kostituzzjonali, imbaghad tghaddi biex taghti s-sentenza taghha fil-proceduri kriminali, ben iggwidata mid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali), u dan kif mehtieg kemm mill-Kap 319 kif ukoll mill-Kostituzzjoni ta' Malta. Naturalment, il-Qorti tal-Magistrati ma tistax tiddeciedi hi jekk inkisrux id-drittijiet fondamentali

ta' l-imputat, u proprju ghalhekk ikun xieraq li l-Qorti tal-Magistrati tistenna pronunzjament mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) qabel ma tiddeciedi l-proceduri kriminali li huma intimament relatati mal-proceduri Kostituzzjonali. Bir-rispett dovut, ma tkunx haga proceduralment korretta illi l-proceduri kriminali jigu decizi qabel ma jigi deciz ir-Rikors Kostituzzjonali li hemm pendenti, iktar u iktar issa li dan wasal biex jigi deciz.

Illi fir-rigward ta' din it-talba tas-soprassessjoni l-Qorti tirrileva illi ai termini tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hemm biss l-obbligu tas-soprassessjoni meta jkun hemm referenza Kostituzzjonali lill-*Prim'Awla tal-Qorti Civili – Sede Kostituzzjonali* minn xi Qorti li tkun qieghda titratta l-kawza fejn tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan huwa kkonfermat mis-sentenza fl-ismijiet: *Lawrence Cuschieri vs. L-Onorevoli Prim Ministru nomine et*[4] li tghid: "*Ghalhekk din is-soprassessjoni tavvera ruhha biss meta (a) quddiem xi Qorti – barra l-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali – tigi ssollevata kwistjoni kostituzzjonali u (b) dik il-kwistjoni ma tkunx fil-fehma ta' dik il-Qorti la frivola u/jew vessatorja, u f'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk u f'dawn ic-cirkostanzi biss hija obbligata s-soprassessjoni*".

---

[4] ***Lawrence Cuschieri vs. L-Onorevoli Prim Ministru nomine et***, Qorti Kostituzzjonali, it-12 t'Awissu 1994

Illi fil-kaz odjern m'hemmx **<u>referenza kostituzzjonali</u> izda hemm kawza kostituzzjonali apparti**.

Is-sentenza <u>*Onorevoli Imhallef Dr. Anton Depasquale vs. Avukat Generali*</u>[5] kkunsidrat l-obbligu ta' kull Qorti sabiex tisma' u tiddeciedi kull kawza fiz-zmien ragonevoli.

Ghaldaqstant f'dan l-isfond, din il-Qorti ma taqbilx illi ghanda tilqa' t-talba tal-imputat ghaliex f'kaz li din il-Qorti tissoprassjedi sakemm tkun deciza l-Kawza Kostituzzjonali, dan ikun ifisser fi zgur dewmien f'dawn il-proceduri, liema dewmien skont il-gurisprudenza tal-Qrati Kostituzzjonali huwa kkunsidrat bhala dewmien inutli. Fil-fatt fis-sentenza hawn fuq imsemmija gie ddikjarat li *"l-istat prezenti ... tal-ligi taghna hija **li ebda Qorti ma ghandha tissopprassjedi hlief kif provvdut fis-sub-artikolu (3) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni** ... ghax l-accettazzjoni ta' dan il-principju* [tas-soprassessjoni] *jista' biss iwassal ghal kroll totali tas-sistema tal-gustizzja taghna ..."* F'dan ir-rigward, is-sentenza fl-ismijiet <u>Dottor Alfred Mifsud vs. Onorevoli Prim Ministru et</u>[6] tghid ukoll illi *"s-soprassessjoni hija, minnha nnifisha, mizura eccesjonalissima ghaliex tiffrena l-andament normali ta' kawza b'mod billi twaqqaf ghalhekk dik l-ispeditezza li tesigi l-gustizzja biex kull kawza tinqata' fi zmien ragonevoli."*

[5] ***L-Onorevoli Imhallef Dr. Anton Depasquale vs. Avukat Generali***, Qorti Kostituzzjonali, l-1 ta' Gunju 2001
[6] ***Dottor Alfred Mifsud vs. Onorevoli Prim Ministru,*** Qorti Kostituzzjonali, l-20 ta' Lulju 1994

Is-sentenza ta' <u>*Lawrence Cuschieri vs. L-Onorevoli Prim Ministru nomine et*</u>[7] tikkonferma dan kollu billi tghid illi: "*Huwa car illi din il-minaccja li avvertiet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ... jigifieri li s-soprassessjoni ghandha l-effett li tipparalizza totalment il-funzjonament tal-Qrati u tal-amministrazzjoni tal-gustizzja qieghda tavverra ruhha. Di fatti llum, bl-access li nfetah ghal proceduri quddiem l-organi gudizzjarji tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, li nholqu bil-Konvenzjoni ghal Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali, li ghandhom is-sede taghhom fi Strasbourg, is-sentenzi kollha ta' din il-Qorti, inkwantu kollha huma passibbi t'ulerjuri ezami hemmhekk huma kollha soggetti ghall-paralizi specjalment fil-fazi ezekuttiva taghhom jekk din il-Qorti, skont is-sentenza appellata, jkollha tissoprassjedi, fil-kazijiet kollha fejn isir rikors ghal dawn l-organi.* ***Is-soprassessjoni fuq il-linji msemmija fis-sentenza appellata tispicca biex tigi ekwivalenti ghall-fonti t'ingustizzja profondata ghaliex effettivament tissospendi l-implimentazzjoni u l-attwazzjoni tal-gustizzja tal-litigu fi zmien ragonevoli".***

Ghaldaqstant din il-Qorti **<u>m'ghandiex l-obbligu illi tissoprassjedi u se tiddeciedi l-kawza fid-data li fiha kienet ippjanata li tinghata wara li l-partijiet issottomettew in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom</u>**.

[7] ***Lawrence Cuschieri vs. L-Onorevoli Prim Ministru nomine et,*** Qorti Kostituzzjonali, it-12 t'Awissu 1994

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet per se, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' kunsiderazzjonijiet generali.

**Preliminari**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala un avviso a comparire, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-

imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma prevvisti mill-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħa jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex prevvisti mill-Kodici Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq.

Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawwru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Livell ta' prova**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-

konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice.*"

Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata

tal-provi. Dawn ghandom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti se tara jekk il-fattispecie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

***Presumption of facts* u provi cirkostanzjali**

Il-Qorti qabel tghaddi biex tanalizza l-imputazzjonijiet thoss li ghanda taghmel espozizzjoni dwar il-*presumption of facts* u l-provi cirkostanzjali.

Fi kliem Sir Rupert Cross,

> *Presumptions of fact (*praesumptiones hominis*) are merely frequently recurring examples of circumstancial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact.*[8]

[8] Cross, R., Cross on Evidence Butterworths (London), 1979, p. 124. Ikkwotat mill-Prim Imhallef Vicent Degaetano fl-Appell Kriminali Inferjuri Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda deciz 24 ta' April, 2002: Appell Nru 228/2001

Bhala ezempju ta' prova indizzjarja li minnha wiehed jista' jigbed konkluzjoni partikolari, l-istess awtur jaghti l-ezempju tad-drawwa (*habit*):

> *The fact that someone was in the habit of acting in a given way is relevant to the question whether he acted in that way on the occasion into which the court is inquiring.*[9]

U fl-edizzjoni tal-2018 ta' **<u>Archbold</u>** jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt:

> These are inferences which the court may draw from the facts which are established, but it is not obliged to draw.
>
> For example where a defendant charged with handling stolen goods is found to be in possession of those goods without any explanation, this circumstantial evidence may give rise to a provisional conclusion that the defendant is the handler of those goods.
>
> In some cases a rebuttable presumption of law imposes a legal burden of proof which must be satisfied to the requisite standard of proof in order to rebut the presumption, whereas some presumptions merely impose an evidential burden. For example, the presumption that a machine was working properly may be rebutted by merely adducing evidence to the contrary: *Tingle, Jacobs and Co v. Kennedy* [1964] 1 W.L.R. 638. In contrast, in order to rebut the presumption, created

[9] <u>ibid.</u> p. 40.

by section 74(3) of the Police and Criminal Evidence Act 1984, that the defendant committed an offence of which he was convicted, the Court of Appeal has held that the defence must prove on the balance of probabilities that the defendant did not commit the offence: *Watson* [2006] EWCA Crim. 2308. Similarly, in *Miell* [2008] 1 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal treated s.74(3) as shifting the burden of proof onto the accused. In *C*[2011] 1 Cr.App.R. 17, however, the Court of Appeal, without reference to *Watson*, referred, at p.225, to s.74(3) as creating an "evidential presumption" and indicated that "if the defendant does adduce evidence to demonstrate that he is not guilty of the offence, it remains open to the Crown then to call evidence to rebut the denial". In *Clift* [2012] EWCA Crim. 2750 the Court of Appeal indicated that s.74(3) shifts the burden of proof to the defendant and that the prosecution is not required to prove to the criminal standard the matters covered by s.74(3). Equally, in *R. v. O'Leary* [2013] EWCA Crim 1371 the Court of Appeal held at para.19 that, "The effect of section 74(3) is that the defendant bears the burden of proving that he did not commit the offence".

In *Zawadzka* [2016] EWCA Crim 1712, where evidence of a theft conviction committed in Poland by the defendant was admitted in a murder trial, the Court of Appeal accepted that the judge should have directed the jury that if the defendant proved on the balance of probabilities that she

had not committed the offence then the jury should 'dismiss it from their minds'.

Even where a presumption imposes a legal burden of proof, if the imposition of a legal burden of proof upon the defence would give rise to a violation of art. 6(2) of the ECHR it may be necessary to read down the relevant statutory provision under section 3(1) of the Human Rights Act 1998, in line with the principles that were considered at §§ 10-11 and 10-12, *ante*, such that it merely imposes an evidential burden. Indeed, statute may expressly impose the evidential burden of rebutting a presumption upon the defendant. For example, in relation to the evidential presumptions about consent which section 75 of the Sexual Offences Act 2003 created, s.75(1) provides that:

"… the complainant is to be taken not to have consented to the relevant act unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he consented, and the defendant is to be taken not to have reasonably believed that the complainant consented unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he reasonably believed it."

It appears that the effect of this provision is that the burden of disproving the relevant issue remains on the prosecution provided that evidence that is not merely "fanciful or

speculative" has been adduced to raise the issue: *Ciccarelli*[2011] EWCA Crim. 266.[10]

Huwa minnu li fl-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegati reati. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Jason Lee Borg**', fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reati u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li huma l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat

[10] Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice – 2018 Sweet & Maxwell (London), para. 10-15, p. 617-618.

bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'**,

> "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li ipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** jghid:

> "*Where reliance has been placed by the prosecution on circumstantial evidence the proper approach is to determine whether a reasonable jury properly directed would be entitled to draw an adverse inference from the combination of factual circumstances by dismissing other possible explanations in relation to that evidence: Jabber [2006] EWCA Crim. 2694; G [2012] EWCA Crim. 1756. In London Borough of Haringey v. Tshilumbe, 174 J.P. 41, a senior environmental health practitioner for the local authority had affixed a hygiene emergency prohibition notice to T's premises. After the notice was affixed he returned to the premises and found a group of individuals sitting at a table eating food from plates and drinking from cans. It was alleged that T had failed to comply with the notice as he had continued to*

*operate the premises as a food business. The magistrates held that T had no case to answer as the local authority had produced no evidence that the food and drink that were on the table had been provided to the occupants of the premises by T in the course of a food business. It was held that justices had been wrong to find that there was no case to answer; it could be inferred from the circumstances that the premises were being used for a food business and the defendant should have explained himself at trial. Strong circumstantial evidence may be sufficient for the court to find a case to answer: Danells [2006] EWCA Crim. 628.*[11]

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**'.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni[12].

## Prezunzjoni tal-innocenza

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'.

[11] Ibid. Pg. 533 para 8-119

[12] Il-Qorti fliet fid-dettal l-argumenti migjuba fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Abdellah Berrard et** moghtija mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera fid-19 ta' Mejju 2014

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

> "*every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty...*"

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet **'Il-Pulizija v Michele Borg et'** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

> "*illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.'* "

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament prezunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghanda ghalhekk tipprova kull element tar-reati partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

**L-ghodda biex tiddeciedi**

**Il-Qorti quddiemha ghandha process ta' disa' mija u tmienja u tletin (938) pagna li ilu ghaddej minn nofs is-sena 2013 u qabel it-30 ta' Gunju 2015 il-kaz kien qieghed jinstema' quddiem Qorti diversament preseduta qabel saret l-assenjazzjoni lil din il-Qorti. Ghandek verzjoni tal-prosekuzzjoni u verzjoni ohra tad-difiza mhux biss kif graw il-fatti anzi d-difiza pruvat tul il-process li timplika lil tliet ufficcjali tal-pulizija bi swat u tortura fil-konfront tal-imputat. Quddiem din il-Qorti huwa l-imputat li jinsab mixli b'numru ta' imputazzjonijiet u fuq dawn din il-Qorti se tiddeciedi. Se tiddeciedi fuq dak li hawn f'dan il-process u mhux fuq processi ohra li jista' kien hemm jew ghad hemm dwar dan il-kaz.**

Din il-Qorti ghalkemm mhix f'pozizzjoni vantaggjuza hdejn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex

hija ma ghexietx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk hija mhix f'pozizzjoni, li tanalizza l-komportament tax-xhieda kollha li xehdu *viva voce*, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Il-Gudikant li jrid jaghzel il-verzjoni l-aktar kredibbli minghajr dubju dettat mir-raguni.

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti*.[13]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[14] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkażjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat

[13] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[14] Appell Kriminali Numru. 115/2006

Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verżjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

Illi skont l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota li mhux kull kunflitt fil-provi bilfors ghandu jwassal ghal-liberatorja, izda l-Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha fl-isfond tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali.

Di fatti, fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Joseph Thorne**, moghtija fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet hekk:

> "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".

Illi Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz".

L-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor huwa l-apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif kien hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta u evidentement giet emmnuta, id-dover tal-Qorti huwa

li tasal ghad-decizjoni taghha kif se taghmel.

Il-Qorti wara li fliet il-process kollu, qieset b'reqqa dak li qalet id-difiza li bazikament stiednet lill-Qorti li twarrab ix-xhieda kollha li hemm f'dan il-kaz u temmen il-verzjoni li ta Charles Paul Muscat. Il-Qorti saqet hi stess mill-postijiet kollha indikati fil-process biex tkun tista' tambjenta ruhha ahjar waqt l-analizi tal-provi.

**Identifikazzjoni tal-imputat**

Id-difiza qeghda tattakka l-fatt li erba' ufficcjali tal-pulizija identifikaw lill-imputat f'dan il-kaz, anzi qeghdin jghidu li l-kaz hu ffabrikat fil-konfront tieghu.

Il-Qorti qabel tghaddi biex tanalizza x-xhieda li taw l-ufficcjali tal-pulizija se tara x'jghid l-Archbold fejn tidhol *Identification* f'sitwazzjoni simili:

> *Where a police officer, a passenger in a police car, saw the driver of another car, for between one and two seconds, purported to recognise him (but without remembering his name) and, within 40 minutes had picked out a photograph of the defendant kept at the police station and was then able to name him as a man with whom he had been at close quarters for a total of eight hours seven weeks earlier, where the driver of the police car had also picked out a photograph of the defendant and where both officers had subsequently identified the defendant in video identification*

*procedures then, the court can take the identification into account despite the brevity of the observations remembering that police officers are trained observers; evidence of previous convictions was also allowed in that it supported the correctness of the identification: Spittle [2009] R.T.R. 159, CA.*[15]

The ***Crown Prosecution Service*** (CPS) tar-Renju Unit jaghti din il-linja gwida:

**Quality of the Evidence**

*R v Turnbull 1976, 63 Cr App R 132*

The guidelines in Turnbull are aimed at assessing the quality of the identification. The court said:

"*In our judgement when the quality is good as for example when the identification is made after a long period of observation, or in satisfactory conditions by a relative, a neighbour, a close friend, a workmate and the like, the Jury can safely be left to assess the value of the identifying evidence even though there is no other evidence to support it*".

"When in the judgement of the Trial Judge, the quality of the identifying evidence is poor as for example when it depends solely on a fleeting glance, or on a longer observation made in difficult conditions, the situation is very different. The Judge should then withdraw the case from the Jury and direct an acquittal unless there is other evidence which goes to support the correctness of the identification".

[15] Para 9-90 pg 654 Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2018

The Court of Appeal made the following comment in *R v Bentley 1991 CLR 620*::

"*A recognition, which was the type of identification evidence here, could not be regarded as trouble free because many people had experienced seeing someone on the street that they knew and later discovered that they were wrong*".

The approach to the warning should be flexible. In *Mills & Others v The Queen (1995 CLR 884 and TLR 1/3/95)* the Privy Council "*emphatically rejected the mechanical approach to the Judge's task of summing up*" - "*R v Turnbull was not a Statute and did not require an incantation of a formula - the Judge did not need to cast his directions in a set form of words*".

"*All that was required of him was that he should comply with the sense and spirit of the guidance in Turnbull*".

Flexibility was emphasized in *R v Mussell and R v Dalton (1995 Crim.LR 887)* which was a case based upon the defence assertion that the Judge, in giving a Turnbull direction, had to remind the Jury of specific weaknesses. The Court of Appeal again said "*there were no hard and fast rules* ".

"*The quality of the evidence in each case is unique to each set of facts. The value of identification evidence depends upon a number of factors set out below; however a number of points could be made specifically about the quality of the evidence*".

In *R v Breslin 80 Cr.App.R. 226* "*the quality of the identification evidence rather than its volume is what matters - The Trial Judge is entitled to direct the Jury that an identification by one witness could constitute support for*

*the identification by another, provided that he warns them in clear terms that even a number of honest witnesses could all be mistaken".*

In many cases, the key identification evidence will be provided by police officers. In *Reid v R [1990] AC 363*, a Privy Council case, the Court rejected the suggestion that police officers were better able to identify suspects accurately than members of the public. In *R v Ramsden [1991] Crim LR 295*, the Court stated that a witness within the criminal justice system was likely to have a greater appreciation of the importance of his or her identification. This was repeated in *R v Tyler (1993) CLR 60.*

They should approach the quality of the evidence of an officer in the same way as any other member of the public. Code D applies to police officers who are identification witnesses just as it does to any other such witness.

"*An identifying witness who happened to be part of the criminal justice system was likely to have a greater appreciation of the importance of identification and so look for more particular identifying feature. Honest police officers were likely to be more reliable than the general public".* See *R v Ramsden (1991) Crim.L.R. 295, CA*

The quality of the identification sometimes depends upon previous sightings. In *R v Slater (1995) CLR 944* it was said that where this applies the Jury must examine each of the relevant previous sightings with care and that they should be so directed in accordance with *Turnbull.*

**2.10 False Alibi**

The Jury should be told that proving the defendant a liar about where he was at the material time does not per se prove he was committing the offence. However, if the Jury is satisfied that the sole reason for the false alibi was to deceive them, then that false alibi can provide support for identification.

In *R v Long (1973)57 Cr.App.R 871* provides an example of this principle.

Wara din l-espozizzjoni legali minn barra minn xtutna l-Qorti issa se tanalizza dak li qalu l-ufficcjali tal-pulizija fix-xhieda taghhom f'dawn il-proceduri. Dawn is-siltiet huma relevanti u jitfghu dawl fuq din l-identifikazzjoni

Fix-xhieda in kontro-ezami ta' **PS715 Lucian Gatt**[16] hareg:

***L-Avukat Tonio Azzopardi*** *: Domanda semplici, Surgent ghidilna jekk dakinhar li kellkom problema bil-vettura tal-imputat inti rajtx u identifikajtx il-karozza jew inkella identifikajtx lil Charles Paul Muscat? Bil-gurament!*

***PS 715 Lucian Gatt*** *: Jiena kont kemm il-vettura, kemm lil Charles Paul identifikajt ghax id-darbtejn l-ewwel darba l-ewwel gejna wicc imb'wicc mieghu, hekk face to face, l-ewwel darba li rajnih.*

*Il-Qorti : Inti fil-karozza u hu fil-karozza?*

***PS 715 Lucian Gatt*** *: Iva.*

[16] a fol.54, 55, u 58

*…. …. ….*

***PS 715 Lucian Gatt** : U t-tieni darba meta waqaf fejn ghalaqnih go Marsalforn Road mar-roundabout, jiena kont in-naha tax-xufier, aw tal-passiggier, bil-qieghda fuq quddiem u hu kien gej ghal fuqi. Ghalhekk hemm hekk jiena kont tajt struzzjonijiet lil PC 138 biex jirriversja ghax hemm hekk jiena innutajt li kien ghafas aktar il-gas biex ma nafx x'kien il-hsieb tieghu.*

***L-Avukat Tonio Azzopardi** : Pero', inti mhux il-karozza biss identifikajt? Bil-gurament qed tghid li identifikajt lilu?*

***PS 715 Lucian Gatt** : Lilu.*

*…. …. ….*

***L-Avukat Tonio Azzopardi** : …. Jista' jkun li inti assumejt li x-xufier huwa hu ghax il-karozza kont zgur li hi tieghu?*

***PS 715 Lucian Gatt** : Le, le. Jien rajtu minn wiccu ta'.*

*…. …. ….*

***L-Avukat Tonio Azzopardi** : Ghax jiena nghidlek li kienet il-karozza tieghu imma mhux hu.*

***PS 715 Lucian Gatt** : Imma jiena qed nghidlek li kien hu.*

Fix-xhieda ta' **PC138 Joseph Portelli** hareg[17]:

***Supretendent Simon Galea** : Lil din il-persuna li kien hemm fil-vettura l-ohra stajt tarah mill-vettura minn fejn kont int?*

***PC138 Joseph Portelli** : Iva stajt narah.*

[17] a fol. 68 u 80

*Supretendent Simon Galea : Stajt tarah sew? Minn fejn, minn liema parti ta' gismu 'il fuq? Kif kien jidher?*

***PC138 Joseph Portelli** : Minn sidru l-fuq.*

***Supretendent Simon Galea** : Minn sidru 'il fuq. Minn sidru 'il fuq inti personalment, Joseph Portelli PC138, bil-gurament tieghek rajtu lil Charles Paul Muscat?*

***PC138 Joseph Portelli** : Iva.*

***Supretendent Simon Galea** : Li hu kien f'dik il-vettura?*

***PC138 Joseph Portelli** : Mija fil-mija.*

*…. …. ….*

***L-Avukat Tonio Azzopardi** : Inti zgur li hu mhux il-karozza gharaft imma lilu?*

***PC138 Joseph Portelli** : Le, le.*

***L-Avukat Tonio Azzopardi** : Jigifieri gejt ghajnejk f'ghajnejh, hux hekk qed tghid?*

***PC138 Joseph Portelli** : Jiena, Dott, bil-gurament, qed nghid illi gharaft lilu.*

Fix-xhieda ta' **PC870 Ruben Farrugia**[18] jinghad:

***PC870 Ruben Farrugia** : … … … Ghal habta tas-siegha konna ergajna ghaddejjin minn marsalforn u x'hin tlajna Triq Manuel Magro rajna l-vettura BON 114 misjuqa minn Charles Paul Muscat gejja ghal go fina head on.*

***Il-Qorti** : Mela, lil dan Charles Paul Muscat qed taghrfu fl-awla inti?*

[18] a fol. 95, 96, 111

***PC870 Ruben Farrugia** : Iva.*

***Il-Qorti** : .... .... U kien hemm xi hadd mieghu?*

***PC870 Ruben Farrugia** : Le, wahdu. Wahdu, wahdu.*

***Il-Qorti** : Sewwa. Stajt taghrfu sew jigifieri?*

***PC870 Ruben Farrugia** : Stajt naghrfu sew ghax ahna kellna d-dawl tal-vettura taghna ghal go fih ghax ahna gejna head on plus li t-triq kienet mixghula.*

*.... ....*

***Supretendent Simon Galea** : Pero', kif kontu intom, kif kontu intom, fejn kontu intom jigifieri kif qed tghid inti bil-karozza l-ohra li kienet gejja, id-driver tal-karozza l-ohra seta' jghaddi traxnat jew ried isuq bil-mod?*

***PC870 Ruben Farrugia** : Le. S'intendi x'hin ahna ippruvajna nwaqqfuh, jiena hrigt minn gol-karozza tas-servizz biex nipprova nwaqqfu u s'intendi dak il-hin infixel ftit, ippanikkja ghal dawk iz-zewg sekondi hekk u ghadda minn maghna.*

***Supretendent Simon Galea** : Baqa' fil-karozza u saq?*

***PC870 Ruben Farrugia** : Iva, iva saq. Jigifieri li kieku ma warrabtx, jiena minn nofs kien ha jghaddi prattikament minn fuqi. Ghax jiena hrigt minn gol-karozza tas-servizzi biex inwaqqfu.*

***Supretendent Simon Galea** : .... .... Kemm kien boghod minnek ghall-persuna l-ohra li kienet qed issuq il-karozza l-ohra? Kemm kien hemm distanza?*

*.... ....*

***Il-Qorti** : Madwar metru?*

***PC870 Ruben Farrugia** : Madwar metru.*

***Supretendent Simon Galea*** *: Jigifieri inti lill-persuna li kien qieghed isuq il-karozza rajtu hekk.*

***PC870 Ruben Farrugia*** *: Rajtu wicc imb'wicc mieghu kwazi, iva mela.*

***Supretendent Simon Galea*** *: .... .... il-persuna min kienet?*

***PC870 Ruben Farrugia*** *: Charles Paul Muscat.*

*.... .... ....*

***L-Avukat Tonio Azzopardi*** *: Dan bniedem li kien rieqed, dhaltu fid-dlam fuqu, bil-boxer shorts.*

***PC870 Ruben Farrugia*** *: Jiena ghalija ma kienx rieqed, Sur Magistrat, ghax jiena kont ghadni kemm rajtu Marsalforn uipprova jsuq ghal fuqi u ipprova jtajjarni.*

***L-Avukat Tonio Azzopardi*** *: Imma hu jew il-karozza tieghu?*

***PC870 Ruben Farrugia*** *: Lilu.*

***Il-Qorti*** *: Qallek li gharfu diga'.*

***L-Avukat Tonio Azzopardi*** *: Inti qed tghid li gharaftu?*

***PC870 Ruben Farrugia*** *: Iva.*

***L-Avukat Tonio Azzopardi*** *: U inti mija fil-mija qed tghid?*

***PC870 Ruben Farrugia*** *: Mija fil-mija.*

***L-Avukat Tonio Azzopardi*** *: Bil-gurament tieghek?*

***PC870 Ruben Farrugia*** *: Bil-gurament tieghi.*

**PS820 Jonathan Vella** li dak il-hin kien xoghol fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Victoria u kien ircieva messagg minghand PS715 Lucian Gatt fuq il-*mobile* biex johrog fi Triq Ir-Repubblika u jwaqqaf il-karozza bin-

numru BON 114 li kienet tiela' minn Marsalforn ikkonferma li kien l-imputat li dak il-lejl kien qed isuq il-vettura BON 114.

PS820 Vella xehed li ra *"karozza Fiat Punto blue tiela' rih sejra direzzjoni lejn il-bus terminus. Li nrid nghid li dan kien qed isuq bi speed eccessiv, fl-ebda hin ma waqaf fuq l-stop sign jew give ways. Allahares kien gej xi hadd minn isfel jew minn fuq ghax b'garanzija li kienet issir tragedja. Gharaftu, gharaft li kien Charles Paul Muscat li qieghed naghrfu hawn fl-awla."*[19]

Ghad-domanda li saritlu mis-Supretendent Simon Galea jekk gharfux li s-sewwieq kien Charles Paul Muscat, ix-xhud wiegeb: *"Gharaftu xorta wahda peress li kien jiffirma l-ghassa Charles Paul Muscat taghrfu. Dan kien jiffirma l-ghassa u x'hin rajtu l-wicc, ix-xaghar gharaftu sewwa. Mija fil-mija li kien hu. Mija fil-mija."*

Mix-xhieda li harget il-Qorti hi konvinta:

1. li l-vettura Fiat Punto ta' lewn blu bin-numru BON 114 li ntlemhet ipparkjata quddiem l-appartament ta' Emanuel Mercieca tard il-Hadd bil-lejl tal-14 ta' April 2013, kienet tal-imputat.
2. kienet din il-vettura li qanqlet is-suspett lit-tliet ufficcjali tal-Pulizija PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli, u PC870 Ruben Farrugia li jaghmlu l-verifiki taghhom mal-Ghassa tal-Pulizija ta' Victoria dwar il-*bail conditions* tal-imputat.

[19] A fol.242 u 243

3. jirrizulta mix-xhieda tat-tliet ufficjali tal-pulizija li dan kien qabel nofs il-lejl. Kien ghal habta tas-siegha ta' filghodu tal-15 ta' April 2013, li l-istess tliet ufficcjali tal-Pulizja gew faccata tal-vettura tal-imputat fi Triq Manwel Magro, Marsalforn, li kienet qeghdha tinstaq gejja fid-direzzjoni taghhom. Triq Manwel Magro hi *side road* ma' Triq Il-Qolla s-Safra fejn aktar minn siegha qabel huma kienu lemhu l-istess vettura pparkjata quddiem l-appartament fejn joqghod Emanuel Mercieca. Kif xehdu t-tliet ufficcjali tal-pulizija dak il-hin li huma gew faccata ta' din il-vettura huma gharfu lis-sewwieq bhala li kien l-imputat Charles Paul Muscat.
4. it-tlieta li huma kkonfermaw li ma kellhom l-ebda dubju mill-identita' tas-sewwieq li ma kien hadd hlief l-imputat.

**Il-verzjoni ta' Emanuel Mercieca**

Fil-process hemm esebita sentenza fl-ismijiet : 'Il-**Pulizija vs Charles Paul Muscat**'[20], deciza fil-25 ta' April 2014, fejn hareg li fl-20 ta' April 2014, l-imputat kien avvicina lix-xhud Emanuel Mercieca u kien heddu biex joqghod attent kif jixhed f'dan il-kaz ghax kien ser jixhet lilu u lil Sonia Vella l-habs. L-imputat kien jaf bil-verzjoni tal-fatti li kien ta Emanuel Mercieca lill-pulizija li kien l-imputat li kien mar ghandu Marsalforn dak il-lejl tal-14 ta' April 2013. Kif jirrizulta mill-istqarrija[21] l-imputat kien gie konfrontat waqt l-i*statement* bil-verzjoni li kien tahom Emanuel Mercieca.

[20] Kopja tal-process ta' dawn il-proceduri tinsab a fol.308 sa 437.
[21] a fol.19

Kienu ttiehdu proceduri separati fil-konfront tal-imputat talli kien avvicina u kien heddu kif jixhed lil dan ix-xhud tal-prosekuzzjoni u l-imputat kien instab hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Bhala piena l-imputat kien tqieghed taht Ordni ta' Probation u l-Qorti imponiet fuq l-imputat *Protection Order* fil-konfront ta' Emanuel Mercieca. Meta l-Qorti vverifikat id-dati f'dan il-process sabet li meta l-imputat kien avvicina u hedded lix-xhud Emanuel Mercieca la kien ghadu xehed Emanuel Mercieca u l-imputat lanqas kien ghadu ressaq bhala xhud in difesa lil Sonia Vella.

F'dan il-process **Emanuel Mercieca**[22] maghruf bhala 'Leli l-Malti' xehed li fil-lejla tal-14 ta' April 2013:

(i) l-imputat cempillu ghal xi l-11.20p.m. meta x-xhud kien fi triqtu lejn id-dar;
(ii) l-imputat iltaqa' mieghu ftit tal-hin wara meta x-xhud kien ghadu fi triqtu lejn id-dar bil-mixi;
(iii) l-imputat kien isuq il-karozza Fiat ta' lewn blu;
(iv) fil-karozza mal-imputat ma kien hemm hadd aktar. Kien wahdu;
(v) kien l-imputat li mar id-dar tieghu.

Dak li xehed **Emanuel Mercieca** li cempillu l-imputat f'xi l-hdax u kwart ta' bil-lejl (11.15p.m.) ftit mumenti qabel ma rah gej bil-karozza jinsab korroborat ukoll mill-*call log* esibita[23] f'dan il-process

[22] Xehed fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2014, a fol.428 et seq
[23] a fol.183 u 184

u markata dok JG1 minn fejn jirrizulta li fil-hdax u tlettax il-minuta u ghaxar sekondi ta' bil-lejl (23:13:10) saret telefonata mill-*mobile phone* tal-imputat bin-numru 35699902184 ghal *mobile phone* ta' Emanuel Mercieca bin-numru 35679870785 u din it-telefonata giet lokalizzata mis-*cell mobile data* li saret f'Marsalforn.

Id-difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tattakka lil dan ix-xhud b'dan il-mod:

> *X'hin fallew, il-pulizija sabu junky, Emanuel Mercieca, li ghal pakkett heroine ibiegh l-ghezez persuna li ghandu. Fil-fatt, l-Ingliza li sabu mejta Marsalforn, li Emanuel Mercieca kien joqghod maghha, ghal darba, darbtejn, kien hadilha l-Cashlink card u gibed ammonti sostanzjali ta' flus biha. Kien hemm zmien meta hi keccietu `l barra mid-dar u mar jibki ghand Charles Paul Muscat jitolbu allogg ghax ma kellux fejn joqghod, u Charles Paul Muscat li ma jafx ighid le, accettah jorqod ghandu. Sussegwentement, Charles Paul Muscat ukoll kellu jkeccih minn daru ghax ma kienx jinhasel u ulied Charles Paul kienu jgergru minhabba li kien jinten hafna. Ghalhekk, il-pulizija sabu bum tas-socjeta` li f'hajtu ma hadimx minuta xoghol, ghazzien, mahmug, junky, u nqdew fih. Daqshekk jaslu jaghmlu kollox, aktar u aktar jekk weghduh xi haga.*

**Il-verzjoni ta' Sonia Vella**[24]

Il-Qorti se tislet fit-tul mix-xhieda li tat Sonia Vella minhabba l-importanza li tat id-difiza ghax-xhieda taghha fejn anke qeghda ssostni li kienet hi dak il-lejl bil-karrozza tal-imputat Charles Paul Muscat u mhux hu.

> *Li ġara aħna ġġilidna ġurnata qabel, is-Sibt. Issa l-Ħadd filgħodu bqajna għaddejjin bl-argument insomma, riedni noħorġu, jiena issuppervjajt għidtlu ma rridx noħroġ għax fil-verità s-Sibt ridt nitlaq jiena u ma riedx iwassalni,*
>
> *<u>Il-Qorti</u>:*
>
> *Ridt tmur lura Malta.*
>
> *<u>Ix-xhud</u>:*
>
> *Eħe. U ma riedx iwassalni għax kien sar il-ħin li jidħol id-dar hu. U l-Ħadd kif qomt, jien irqadt fuq is-sufan kont, u insomma kif qomt il-Ħadd qalli li kien sejjer għand nanntu, qalli "lesti biex noħorġu," għidtlu, "jiena ma rridx." U ġie lura, qalli, "x'ħa tagħmel?" nillatikaw isomma u telaq 'il barra hu. Jiena bqajt id-dar sa dak il-ħin – inkompli?*
>
> *<u>Il-Qorti</u>:*
>
> *Iva, Sinjura, iva.*
>
> *<u>Ix-xhud</u>:*
>
> *bqajt id-dar u għadda l-ħin jiġifieri, naf li erġajt irqadt u qomt, qgħadt fuq il-laptop, lestejt l-affarijiet tiegħi, ħadt shower u lestejt kollox biex kif jiġi jwassalni u kif smajtu ġej ftaħt il-bieb, qbadt il-*

[24] Seduta tal-4 ta' Frar 2015

*basket u nżilt u ltqajna ġot-taraġ għax hu biex titla' d-dar tiegħu hemm it-taraġ u ltqajna ġot-taraġ u bdejna nillatikaw, għidtlu biex iwassalni u qalli biex nitla' fuq biex nitkellmu u ma ridtx, ridt immur id-dar, daħħalt idi fil-but biex nieħu l-flus, noħodlu l-flus li kellu,* ***telgħet iċ-ċavetta magħhom u ħadtlu l-mobile.*** *U tlaqt 'il barra. Minn hemmhekk ma sibtx il-karozza fit-triq u bdejt miexja lejn ix-Xatt –*

*Il-Qorti:*

*U dan kien meta?*

*Ix-xhud:*

*Filgħaxija l-Ħadd.*

*Il-Qorti:*

*Il-Ħadd filgħaxija.*

*Ix-xhud:*

*Il-Ħadd filgħaxija. Xħin eżatt ma nafx. Naf li kien id-dlam imma as such ma nafx xħin kien.*

*[...]*

*mort ħdejn Manuel, kellimt lil Manuel u kif ħriġt m'għand Manuel u għaddejt minn ħdejn il-ħwienet, imbagħad hemm qisu bridge hemm, għaddejt minn hemm u tiela' 'l fuq hemm.*

*Il-Qorti:*

*Dak il-bridge li jagħti għal-lukanda?*

*Ix-xhud:*

*Qisu pont.*

*Il-Qorti:*

*Li jagħti għal dik il-lukanda?*

*Ix-xhud:*

*Hemm il-parking imbagħad?*

*Ix-xhud:*

*U tlajt 'il fuq hekk u terġa' tiġi ħdejn dik ir-roundabout. Issa jiena u tiela' hekk, rajtha karozza tal-pulizija hemmhekk ħdejn ir-roundabout, hemmhekk ikunu kemm-il darba għax kemm-il darba waqqfuna jiġifieri. U jien bqajt tiela' nsuq, fhimt? L-ewwel nies ma ndunajtx li kienu qegħdin hemm as such għalija, ħa ngħid hekk, u mill-mera imma rajthom imbagħad ġejjin warajja. U bqajt insuq. U kif kif wasalt ir-Rabat hemmhekk ma rajthomx iktar warajja. Dħalt one way ħa nkun qed ngħidlek kollox u tfajt il-karozza quddiem il-bieb ta' Charles u tlaqt.*

*Il-Qorti:*

*Fejn tlaqt?*

*Ix-xhud:*

*Tlaqt bil-mixi lejn ix-Xatt. Mort fejn il-blat, qgħadt ftit hemm, imbagħad tlajt hemm fuq ħdejn, imxejt minn mal-baħar hekk u tlajt, hemm stage, kif timxi l-dan kollu, il-blat kollu hemm stage hemm fuq.*

*Il-Qorti:*

*X'kienet ir-raġuni li ħadtha l-karozza inti?*

*Ix-xhud:*

*Għax ma kellix karozza.*

*Il-Qorti:*

*Għax ma bqajtx sejra biha x-Xatt?*

*Ix-xhud:*

*L-iskop tiegħi dak kien imma jiena bdejt nagħmel it-telefonati, dan is-Sibt kellna xi ngħidu fuq tfajla u dak il-ħin jien daħħaltha f'moħħi li kien mal-istess tfajla, fhimt? Infatti għalhekk bdejt nagħmel it-telefonati biex nara l-leħen –*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Min kienu.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jekk kienx ta' xi mara jew raġel.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*X'kienet ir-raġuni li ma bqajtx sejra x-Xatt bil-karozza?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ma bqajtx sejra x-Xatt għax dak il-ħin jien bdejt nibki xħin ċempilt lil Manuel u beda jgħidli "ejja ħa nkellmek." U għidtlu, "kien miegħek?" peress li kien hemm in-numru li iddalja lilu. U beda jgħidli "ejja hawn ħa nitkellmu." Fhimt? Ir-raġuni as such li mort biex nara jekk kien miegħu jew jekk kienx ma' xi ħadd ieħor, fhimt?*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Għadek ma weġibtilix id-domanda! X'kienet ir-raġuni għalxiex ma bqajtx sejra x-Xatt bil-karozza?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Għax ċempilt lil Manuel u qalli ejja hawn biex nitkellmu.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Sewwa. U Manuel fejn kien?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Id-dar tiegħu.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Marsalforn?*

*Ix-xhud:*

*Marsalforn eħe.*

*Il-Qorti:*

*Imbagħad – erġajt xorta ma weġibtilix id-domanda. Għalxiex ma bqajtx sejra bil-karozza x-Xatt?*

*Ix-xhud:*

*Biex nara ma' min kien. As such biex nara, forsi Manuel jista' jtini hint ma' min kien.*

*Il-Qorti:*

*U b'dak li qallek Manuel kont kuntenta?*

*Ix-xhud:*

*Ifhimni, Manuel qalli li ma kienx miegħu, qalli, "ma tafx kif inhu?" Qalli, "Ma jistax ikun kien ma' mara oħra għax iħobbok," u ħafna affarijiet hekk, qalli, "mur erġa' l-flat u għada tisbħu ġurnata terġgħu tirranġaw," qalli, "din mhux l-ewwel darba," jiġifieri din kemm-il darba ġġilidna u tkellimt miegħu, fhimt? Dik kienet ir-raġuni. As such ma kellix għalfejn immur għandu għal xi raġuni oħra. As such dan meta tiġġieled qisek trid tkun taf ir-raġuni u għamilt ġurnata d-dar jien, fhimt? ma nafx fejn, kurżità ħa tiġik fejn kien u x'għamel hu.*

*[...]*

*Avukat Dottor Tonio Azzopardi:*

*X'ġara meta rajt il-karozza tal-pulizija?*

*Ix-xhud:*

*Eħe, imbagħad mill-mera rajthom ġejjin għal warajja, bqajt insuq –*

*Il-Qorti:*

*Kien hemm xi raġuni għalxiex ma waqaftx?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Eħe, ħa ngħidhielek ukoll ir-raġuni. Kont bla seat belt, kelli l-flixkun tal-birra f'idi. Apparti minn hekk naħseb l-aktar mara li joboghdu l-familja tiegħu hija jiena u dik hija parti mir-relazzjoni li tkissret tagħna, għax huma qatt ma rieduni u jekk tara l-messaġġi, dawn messaġġi jekk naqbduha fil-karozza tispiċċa bl-Arriva. Kemm-il darba nkun il-flat, jiġu u jkolli nitla' fuq il-bejt minn ġos-sodda nistaħba. Jiġifieri din ħaġa li jafha kulħadd li ma jridunix miegħu. U as such ma waqaftx, ma kontx naf x'se jiġri għax għidt ħa jinqala' panic iktar, ħa jċemplulhom għax il-karozza fuqhom, mhiex fuq Charles u ħa jinqala' iktar panic, fhimt, ikunu jafu li qiegħda l-karozza għandi. Għamilna perjodu jiġifieri ħaduhielu anke ċ-ċavetta tal-flat għax sabuni hemm għax assolutament ma ridunix miegħu għax għandi tlett (3) itfal u fl-età akbar minnu. U ma bsartx x'se jiġri għax kieku kont naf x'se jiġri aħjar ġara hekk milli ġara li ġara hu.*

*<u>Avukat Dottor Tonio Azzopardi</u>:*

*Issa, inti rajt – se nerġa' nsaqsik – inti rajt il-karozza tal-pulizija imma inti ma waqaftx,*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, ma waqaftx.*

*<u>Avukat Dottor Tonio Azzopardi</u>:*

*Għidtilna għaliex u bqajt sejra. Imbagħad baqgħu warajk jew?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jien sar-Rabat sakemm tlajt dik it-telgħa, sar-Rabat naf li kienu warajja. Biss meta wasalt ir-Rabat tlifthom. Imbagħad minn hemm*

*ma nafx x'ġara jiena għax jiena tfajt il-karozza wara l-bieb u tlaqt. U sirt naf jiġifieri x'ġara Ħadd wara, kont qiegħda l-Armier mat-tfal tiegħi u ċempilli Manuel fuq il-mobile u mingħandu jiġifieri sirt naf x'ġara u ma ġarax. U jiena mort, wara perjodu eh, mort għand l-avukat tiegħi, għidtlu x'ġara u ma ġarax, għidtlu qed inħossni guilty, fhimt? hu kien għaddej minn ħafna problemi jiġifieri, s'għand psikjatra għal wieħed, tnejn, tlieta u dejjem l-istorja taqa' għax ma nistax noqgħod kwiet u rrid neħlef mill-pulizija u mill-affarijiet li għandi. Ma nħossnix ħaġa, jekk jiena għandi t-tfal, hu għandu t-tfal ukoll, mhux xi ħaġa li. Dik kienet ir-raġuni.*

*[...]*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Naf żgur għax Ħadd wara jiena kont l-Armier u ċempilli Manuel. Mingħandu sirt naf – jiena f'dak il-, jiġifieri ma' Charles ma kellix kuntatti.*

*<u>Avukat Dottor Tonio Azzopardi</u>:*

*Inti u Manuel xi darba sussegwentement kellkom xi diskussjoni jekk xi ħadd għandux jikxef li ma kienx Charles Paul?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jiena meta darba ltqajt ma' Manuel, Manuel qalli li meta interrogawhom Charles beda jgħid, aw, sorry, Manuel qalli, "jiena nobgħod min jgħajjat miegħi." Qalli u Charles beda jgħajjat u beda jgħidli, "għidilhom li mhux jiena kont."*

*<u>Avukat Dottor Tonio Azzopardi</u>:*

*Waqt il-konfront fl-għassa jiġifieri?*

*Ix-xhud:*

*Eħe, kif qalli Manuel. U qabeż Manuel, qalli, "jiena la ma kixfekx hu, mhux ħa nikxfek jiena biex jidher sabiħ hu." U jiena qbiżt jien għidtlu, "hu ma setax jgħid jien fejn kont. Forsi kellu suspetti li l-karozza ħadthielu jiena imma ma jistax jgħid jiena fejn mort biha. Inti tista' tgħid li jiena kont għandek għax inti rajtni." Fhimtha?*

*Il-Qorti:*

*Minn wara dakinhar illi ġara din il-biċċa xogħol, ir-relazzjoni tiegħek ma' Charles Paul kienet spiċċat?*

*Ix-xhud:*

*Għal perjodu iva, imbagħad erġajna bqajna niltaqgħu bħala ħbieb jiġifieri imma mhux f'relazzjoni, fhimt?*

*Il-Qorti:*

*Ok.*

*Ix-xhud:*

*Just naħsel inkun pereżempju qiegħed hawn, niltaqa' miegħu, pereżempju m'ilux kont is-Saint Patrick's kont iltqajt miegħu hekk, morna nieħdu drink flimkien u hekk, fhimt? Imma mhux f'relazzjoni.*

*Avukat Dottor Tonio Azzopardi:*

*Issa, inti nafu li ma tkellimtx mal-ewwel għax il-każ ġara fit-two thousand and thirteen (2013) u inti tkellimt, għandna l-ġurnata preċiża, fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar two thousand fourteen (2014). F'dak iż-żmien ta' din is-sena x'żammek milli titkellem? Tista' tispjega lill-Qorti?*

*Ix-xhud:*

*Li żammni li nitkellem li jiena għandi tlett (3) itfal hu. Biss meta rajt l-affarijiet, jekk jiena għandi t-tfal, hu għandu t-tfal ukoll, kien għaddej minn problemi ta' psikjatri u hekk, ħassejtni guilty hu li m'għandux jeħel fuq ħaġa li m'għamilhiex hu, fil-verità għamiltha jiena. Hu ma riedx jikxifni jiġifieri u kien lest li jeħel kollox hu u ma jikxifnix u forsi dik l-iktar li imbuttatni hu.*

*[...]*

*Avukat Dottor Tonio Azzopardi:*

*Mela, Sinjura, inti spjegajtilna x'ġara eżatt f'liema data eżatt, x'żammek u f'dik il-lejla bejn li inti ħadt iċ-ċavetta mal-mobile mill-but ta' Charles Paul –*

*Ix-xhud:*

*Le, il-mobile minn idejh.*

*Avukat Dottor Tonio Azzopardi:*

*Minn idejh ħadtulu?*

*Ix-xhud:*

*Eħe, għax beda jċempel lil xi ħadd huwa.*

*Avukat Dottor Tonio Azzopardi:*

*Mela, flus ħadtlu –*

*Ix-xhud:*

*Eħe, għax ma kellix flus.*

*Avukat Dottor Tonio Azzopardi:*

*U ħarġet iċ-ċavetta.*

*Ix-xhud:*

*Eħe, għax ħarġet mal-dan.*

*Avukat Dottor Tonio Azzopardi:*

*Minn dak il-ħin sa xħin irqadt fejn irqadt – fejn irqadt fil-fatt?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Le, imbagħad jiena kont fuq l-istage, kien għaddej raġel b'vann, jidhirli aħmar, m'għandix idea, u qalli li ma tgħaddix tal-linja dak il-ħin għax jien kont ġol-istage u qalli fejn irrid immur, għidtlu rrid immur ix-Xatt, qalli, "jekk trid naqtgħek biċċa," kien mix-Xagħra għandu jkun, għandu jkun mix-Xagħra, għidtlu, "issa ntik xi ħaġa," kelli xi twenty euros jew thirty, għidtlu, "intik ten minnhom," u wassalni sa ħdejn il-Madonna. L-ewwel qalli ħa nwasslek ir-Rabat, imbagħad wassalni sa ħdejn dik il-Madonna.*

<u>*Avukat Dottor Tonio Azzopardi*</u>*:*

*Imma fejn irdaqt imbagħad inti? Malta jew Għawdex?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Imbagħad inżilt Malta.*

<u>*Avukat Dottor Tonio Azzopardi*</u>*:*

*Malta? Bqajt nieżla bil-ferry imbagħad.*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Qgħadt nistenna l-vapur għax kien hemm gap.*

<u>*Avukat Dottor Tonio Azzopardi*</u>*:*

*Dan l-individwu li tellgħek taf tidentifikah jew xi ħaġa?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Ma nafx. Naf li kien vann dawn bil-kaxxa wara, aħmar, m'għandix idea.*

<u>*Avukat Dottor Tonio Azzopardi*</u>*:*

*Issa, ħa nagħmillek domanda oħra. F'dik is-serata kollha, sa xħin irqadt, il-persuni kollha li ltqajt magħhom u li rawk. Għidtilna żgur il-karozza tal-pulizija b'min kien hemm fiha.*

*Ix-xhud:*

*Min kien hemm fiha ma nafx.*

*Avukat Dottor Tonio Azzopardi:*

*Għidilna iktar ma' min iltqajt, ma' min tkellimt f'dik il-lejla. Importanti għaliex –*

*Ix-xhud:*

*Ma' dan li għidtlek waqqafni jiena u nieżla, ma' Jethro u ma' Manuel, u l-bqija, dan ir-raġel li wassalni sax-Xatt,*

*Il-Qorti:*

*X'ismu?*

*Ix-xhud:*

*M'għandix idea. U mbagħad mort id-dar, jiġifieri t-tfal kienu reqdin dak il-ħin.*

*Il-Qorti:*

*Ma tkellimt ma' ħadd iktar.*

*Ix-xhud:*

*Le, le. Mort id-dar jiġifieri t-tfal kienu reqdin, lanqas lit-tfal m'għidt.*

*Avukat Dottor Tonio Azzopardi:*

*Dawn kollha għadhom ħajjin, għidtilna Jethro, Manuel,*

*Ix-xhud:*

*U l-ieħor dak ir-raġel ma nafx jekk hux ħaj jew mejjet għax ma nafux.*

*Avukat Dottor Tonio Azzopardi:*

*Jethro, illum rajtu hawnhekk fil-Qorti?*

*Ix-xhud:*

*Eħe.*

*Avukat Dottor Tonio Azzopardi:*

*Mela Jethro Camilleri.*

*Ix-xhud:*

*Ma nafx x'kunjomu.*

*Avukat Dottor Tonio Azzopardi:*

*U meta ssemmi Emanuel, Emanuel il-Malti?*

*Ix-xhud:*

*Leli l-Malti.*

*Avukat Dottor Tonio Azzopardi:*

*Taf jekk hux xhud f'din il-kawża?*

*Ix-xhud:*

*M'għandix idea.*

*Avukat Dottor Tonio Azzopardi:*

*Ok. Dan huwa x-xhud li kien involut f'dik is-sentenza tal-Maġistrat Dottor Josette Demicoli?*

*Ix-xhud:*

*Eħe, eħe.*

*Avukat Dottor Tonio Azzopardi:*

*Mela nafu li huwa Emanuel Mercieca.*

*Hemm xi persuna oħra li hija ħajja mimlija bil-għomor li tista' tiġi tikkonferma l-biċċa fejn inti irqadt dak il-lejl?*

*Ix-xhud:*

*Dak il-lejl le. Dottor Giglio li jista' jikkonferma, fhimt? għax miegħu li tkellimt. Il-bqija lanqas il-familja, as such jafu xi ħaġa imma mhux kollox fid-dettal.*

Fl-istqarrija li l-imputat kien irrilaxxa lill-Pulizija fl-24 ta' Mejju

2013[25], u fl-*email* li ntbaghtet lill-Kummissarju tal-Pulizija fit-30 ta' April 2013[26], ma jaghmilx referenza ghal Sonia Vella.

Fl-istqarrija jaghti verzjoni differenti minn dik li ta meta xehed quddiem il-Qorti.

Fl-istqarrija, il-verzjoni li ta l-imputat meta mistoqsi fejn kien dik il-lejla hi din :

*M : Ara nghidx sew li dakinhar fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' April 2013, inti kont f'xi hin Marsalforn?*

*T. Nghid li ma kontx.*

*M Kif tispjega li l-karozza tieghek kienet ipparkjata Marsalforn quddiem id-dar ta' certu wiehed Emanuel Mercieca maghruf bhala Leli l-Malti dak in-nhar ghal habta ta' bejn il-hdax u nofs u nofsilejl?*

*T. L-ohrajn qalu ghal ghaxra u nofs. Dak il-hin kont il-Paradiso dak il-hin.*

*M.Ha nerga' nistaqsik kif tispjega li l-karozza tieghek kienet ipparkjata Marsalforn quddiem id-dar ta' certu wiehed Emanuel Mercieca maghruf bhala Leli l-Malti dakinhar ghal habta ta' bejn il-hdax u nofs u nosilejl?*

*T. Nghid li jiena f'Marzu li ghadda kont tlift il-mobile u irrapurtajtu gewwa kazin ta' Sannat. Hemmhekk tlift ic-cwievet tal-karozza u tlift il-kartiera wkoll. Dak in-nhar jiena ghamilt rapport tal-mobile minhabba li bil-kuntratt u aktar minn hekk ghax kelli l-videos u r-ritratti tat-tfal li tant huma ghal qalbi.*

---

[25] a fol.13 sa 21

[26]A fol. 37 u 38

*Ghamiltu biex forsi jintercettaw il-mobile u qaluli li ghandi hames xhur biex jinfetah file Malta u c-cavetta u l-kartiera ma irrapurtajthomx. .... Bhala cavetta ma irraportajtiex ghax kelli l-ispare biss nghid li kont diga' indunajt li l-karozza tieghi giet minsusa xi gimgha wara li tliftha ghax sibta ipparkjata mhux fejn hallejtha jien. Nghid li lanqas dakinhar ma ghamilt rapport ghax ma kontx cert u fuq wara tal-karozza kitbuli 'Fuck you'. Nghid li l-karozza fil-lejl imsemmi nghid li giet misjuqa minn xi hadd iehor probabbli mill-istess bniedem li messieli darb'ohra ...*

*M. Igifieri ma tafx kif il-karozza tieghek spiccat Marsalforn dak in-nhar?*

*T. Nghid li le, pero' li nixtieq inzid illi x'hin hrigt mal-pulizija wara s-serach innutajt li l-karozza kienet qeghdha thares lejn direzzjoni ohra minn kif hallejtha jien.*

Fl-istess stqarrija l-imputat jghid li *"x'hin wasalt fejn id-dar jiena innutajt li l-karozza tieghi tal-ghamla Fiat Punto bir-registration BON 114 kienet qeghdha ipparkjata quddiem id-dar fejn hallejtha thares wicca l-barra lejn il-main road. Jiena indunajt li kont tlift ic-cavetta tad-dar u kif ukoll tlift il-mobile u ghajjat lil hija li joqghod kwazi faccata tieghi sabiex itini l-spare keys. Inrid nghid li jiena ghandi drawwa hazina li nitlef ic-cwievet u l-mobile sikwit u ghalhekk inhalli cavetta spare ghand hija u ohra ghand in-nanniet f'Ta' Sannat. Hija dak il-hin hareg mill-gallerija u qalli li kien gej ha jgibli il-mazz cwievet ghax jiena kont hallejthom warajja ghand ta' Nona Bar ..."*

L-imputat xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-6 ta' Lulju

2017, fejn qal li meta Sonia Vella semghetu tiela' t-tarag tal-komun "*nizlet ghalija sparata, 'ghaliex hallejtni hawnhekk?! Fottejtli weekend!' u hafna ghajjat got-tarag, 'hallejtni gurnata shiha hawnhekk', u bla bla bla, u insomma u pruvajt nikkalmaha, ghidtilha : 'ejja ha nitilghu gol-flat', ghidtilha : 'ha nitkellmu'. Ghidtilha 'jien ghidtlek', speci biex nohorgu, ghidtilha dan. Qabdet, dahhlet idha gol-but, haditli l-mobile, haditli c-cwievet u din qabdet u telqet 'il barra ..... Sadanittant jien bqajt got-tarag. U gejt in se u ghidt din issa sakkritni barra. Ghidt ha mmur ingib ic-cavetta minghand hija illi dan joqghod ...... faccata.*"

Il-Qorti tinnota kuntrast f'dak li qal l-imputat *a tempo vergine* ftit sighat wara l-kaz u dak li qal fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. **L-imputat kien jaf min hadlu c-cwievet u l-*mobile* kif iddikjara fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti jew ma kienx jaf min hadomlu kif iddikjara fl-istqarrija li ta lill-Pulizija?**

Ix-xhieda ta' Sonia Vella li lill-imputat haditlu c-cwievet tal-karozza u l-*mobile* biex semplicement marret dawra mix-Xlendi sa Marsalforn u lura u mbaghad erhitilha ghall-port tal-Mgarr bil-mixi biex taqbad il-vapur ghal Malta u ghaddiet minn fuq il-blat min-naha tal-Munxar minflok ma qabdet l-iqsar rotta, mit-Triq tax-Xlendi, ma taghmilx sens u mhix titwemmen. Ix-xhieda taghha hi kontradetta mix-xhieda tal-erba' ufficcjali tal-pulizija PS715, PC138, PC870, u PS820 li dak il-lejl gharfu lill-imputat li kien isuq il-karozza u mhux hi u mix-xhieda ta' Emanuel Mercieca li xehed li dak il-lejl kien l-imputat biss li cempillu u mar ikellmu. Ix-xhieda taghha mhi bl-ebda mod korroborata mill-verzjoni li ta l-

imputat waqt l-istqarrija li kien irrilaxxa lill-Pulizija meta mar jirraporta u ghamel allegazzjonijiet serji dwar swat u tortura fuqu fil-konfront ta' tliet ufficjali tal-pulizija. **Il-Qorti se tordna li Sonia Vella tkun investigata dwar xhieda falza li tat f'dawn il-proceduri.**

**L-allegati feriti u swat**

Il-Qorti fliet fid-dettal ix-xhieda tal-*custody officer* **PC 1279 David Theuma Scerri**[27] fejn inzamm l-imputat minn ftit wara li kien arrestat.

PC 1279 David Theuma Scerri xehed:

> *Mela fil-ħmistax (15) ta' April tat-elfejn u tlettax (2013) kont xogħol il-lockup. Hekk għas-sagħtejn u nofs (~ 2.30) infurmawni li ħa jiġuli –*
> *Spettur Frank Anthony Tabone:*
> *Xħin tgħid is-sagħtejn u nofs, ta' filgħodu ta' –?*
> *Ix-xhud:*
> *Is-sagħtejn u nofs ta' filgħodu (2.30 a.m.). infurmawni li ħa jġibuli wieħed arrestat.*
> *Il-Qorti:*
> *Min infurmak?*
> *Ix-xhud:*
> *Infurmawni mill-għassa, ir-Rabat. U wara xi ftit minuti niżlu PC 138 u PC 870 u magħhom kellhom li ċertu Charles Paul Muscat.*

[27] Seduta tal-4 ta' Frar 2015

*Il-Qorti:*

*Qed tagħrfu lil dan is-Sinjur fl-awla?*

*Ix-xhud:*

*Iva, Sur Maġistrat.*

*Il-Qorti:*

*Ix-xhud indika lill-imputat fl-awla.*

*Ix-xhud:*

*Dak il-ħin, il-proċedura tal-lockup noħdulu l-full particulars u fuqiex ġie arrestat u min hu spettur inkarigat għall-arrest. Wara l-particulars tiegħu, full particulars, isem, kunjom, ID card u hekk, staqsejtu għandux bżonn xi medical help jiġifieri jbagħtix b'xi ħaġa, għandux bżonn xi pirmli u niftakar kien qalli li hu jbagħti mill-ażma. Għidtlu jridx noħduh jew inġibulu xi puffs għal matul il-lejl, qalli le. Rigward lil min ħa ninfurmaw qalli nixtieq ninforma lin-nannu tiegħi lil Jacky u tani n-number tiegħu u infurmajt lil nannuh dak il-ħin stess fit-tlieta neqsin għoxrin ta' filgħodu (2.40 a.m.). Xejn as such, tellgħajtu ġoċ-ċella, niftakar talabni jagħmel toilet u sulfarina biex iqabbad sigarett, jew lighter u talabni biex imur sat-toilet. Wara dak il-ħin tfajtu ġol-lockup.*

*Spettur Frank Anthony Tabone:*

*Ara, inti għadnek dokument quddiemek, inti tista' tispjega waħda lill-Qorti x'inhu dak id-dokument? Dan ħa jiġi esebit, Sur Maġistrat, u qiegħed jiġi mmarkat bħala dokument DTS1. Hawn żewġ folji, Sur Maġistrat.*

*Il-Qorti:*

*X'inhuwa dak id-dokument?*

*Ix-xhud:*

*Dan kopja, vera kopja, tad-detainee book li għandna ġoċ-ċella ġol-lockup tal-pulizija. L-informazzjoni, fi xħin ħareġ, lil min infurmajna, fuq min kien arrestat, data u ħin, as such kollox. U rrid ngħid ukoll li mbagħad*

*'il għada, hemm ukoll imniżżel, li s-Sur Muscat talab biex imur sal-isptar.*

*<u>Spettur Frank Anthony Tabone</u>:*

*Hemm il-ħin xħin talab biex imur sal-isptar?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Eħe, u hemm is-surġent lil min talab. Imbagħad fl-aħħar jispiċċa, "detainee was released under the order of Inspector Tabone." Fid-disgħa ta' filgħodu (9.00 a.m.).*

*<u>Spettur Frank Anthony Tabone</u>:*

*Issa, inti għidt li konx xogħol il-lockup dakinhar. Talbek xi ħaġa partikolari l-imputat barra dak li għadek kif xhedt fuqu? Talbek xi ħaġa oħra?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Xejn, l-uniku ħaġa li talabni nerġa' ngħid ligħter u jagħmel toilet.*

*<u>Spettur Frank Anthony Tabone</u>:*

*Ikkomplenja fuq xi ħaġa malli ġie biex tirreġistrah fir-reġistru tal-lockup?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Xejn. Lanqas tkellem. Xejn.*

*<u>Spettur Frank Anthony Tabone</u>:*

*Innutajt xi ħaġa inti? Inti, x'inhi l-proċedura xħin jiġi wieħed arrestat, x'tagħmel?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Xejn, inpoġġuh bilqiegħda fejna, ikun hemm l-iskorta min ikun ikun ġabu warajna u nibdew insaqsuh dawn id-domandi kollha,*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Bħala kundizzjoni fiżika kif deher is-Sinjur?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Normali għalija.*

*<u>Spettur Frank Anthony Tabone</u>:*

*Qed nara ħafna notamenti fuq din il-karta li ħa tesebixxi, jiġifieri kopja tad-detainee book. Kull ħaġa li jagħmel lockup attendant, f'dan il-każ inti kont il-lockup attendant dakinhar, x'isir minnha, x'jiġri b'dan id-detainee book? X'intom obbligati li tagħmlu?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ifhimni kull ħaġa li ssir, movimenti u hekk, aħna ħa nniżżlu fuq il-ktieb.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*U f'dan il-każ x'ġara?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Xejn, tniżżel kollox fuq il-ktieb.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Fuq dan li qed tesebixxi.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Fuq dan iva. Fuq dan. Il-ktieb imbagħad jinżamm hemmhekk għar-records tagħna.*

*<u>Spettur Frank Anthony Tabone</u>:*

*Dakinhar tfittxijiet saru? Proċedura li ssir tfittxija?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Search hekk, mhux strip search, search ħafifa, bwiet, ktajjen, naraw x'għandu. Ma kellu xejn infatti.*

*Kontro eżami riżervat*

*<u>Domandi ta' Dottor Mario Scerri</u>:*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*Ara, kuntistabbli, għidtilna li ddaħħal għal ħabta ta' xi s-sagħtejn u nofs ta' billejl (~2.30 a.m.).*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ta' filgħodu.*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*Ta' filgħodu. L-intervista li int għamiltlu, jiġifieri d-dettalji li inti tlabtu jagħtik, kemm ħa żmien, kemm ħa ħin qabel ma inti mbagħad tellgħajtu fil-lockup?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Bejn wieħed u ieħor ħa ngħidlek.*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*Bejn wieħed u ieħor.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Bejn wieħed u ieħor, ara, forsi biex irreġistrajnih fuq ir-reġistru domna roughly, ġibna fifteen (15) minutes, give and take, għax ċempilna lin-nannu, iddum naqra, u sa xħin tellgħajtu fuq, mar it-toilet, in the meantime –*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*Le, jiena li qed nistaqsik kemm ħa ħin, kemm ħa żmien dak li int staqsejtu u niżżiltu fid-detainee book.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Dam forsi ten (10) minutes?*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*Ten minutes.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ten minutes, bejn wieħed u ieħor.*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*U kien ġol-uffiċċju jew barra mill-uffiċċju?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Kien fejni bilqiegħda.*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*Kien ħdejk bilqiegħda. Il-kundizzjoni tad-dawl tal-uffiċċju kif kienet dak il-ħin?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Bit-tubijiet.*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*Bit-tubijiet.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Mixgħul kullimkien.*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*U għidt kif ħdejk. Kemm kien bogħod minnek Charles Paul Muscat waqt li int qed titolbu din l-informazzjoni, itihielek u tniżżilha fuq id-detainee book?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jien kont hawn bilqiegħda u hu kien, on this side imma, kien qisu, rougħly, maġenbi hekk, hawnhekk.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Maġenbek.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Maġenbi.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Kieku ftaħt idejk kont tmissu.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva, iva.*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*U l-Qorti għamlitlek domanda dwar jekk inti innutajtx dwar il-kundizzjoni fiżika ta' Charles Paul Muscat. Dan il-ħin kollu li inti kont qed tkellmu, l-eye contact tiegħek xħin kont qed tkellmu, kont qed tħares lejħ, fejn kont qed tħares?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Nikteb u nħares.*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*U tħares lejh.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Nikteb u nħares lejh.*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*U int ma innutajt għidtilna xejn.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Xejn, xejn.*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*Fiżikament.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Normali qal.*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*Normali. Meta inti tlabtu jekk għandux bżonn xi assistenza jew jieħux kura medika, u qalli li jbagħti mill-ażma, ilmenta miegħek dwar xi ħaġa oħra dak il-ħin?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*L-ewwel li staqsejtu, għidtlu, "isma', tieħu xi mediċini?" Qalli, "le, imma nbagħti bl-ażma." Għidtlu, "all right," għidtlu, "trid inġibulek il-puffs jew ma nafx x'tieħu?" Qalli le. Għidtlu, "trid immorru sal-isptar?" għidtlu, "ħa jiċċekkjawk u hekk." Qalli le.*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*Staqsejtek jekk hu ilmentax miegħek waqt li kont qed tagħmillu dawn id-domandi, ilmentax miegħek dwar –*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, le, le.*

*<u>Avukat Dottor Mario Scerri</u>:*

*Ma ilmenta fuq xejn. Kieku ilmenta miegħek kont tieħu notament f'dan id-detainee book tiegħu inti?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Kieku ikkomplenja, għal mod tal-kelma li għandu x'imkien juġgħu, inniżżlu fuq il-ktieb u noħduh l-isptar dak il-ħin.*

*Avukat Dottor Mario Scerri:*

*Tieħdu l-isptar dak il-ħin.*

*Kemm domt xogħol – inti għidtilna kont billejl dakinhar xogħol.*

*Ix-xhud:*

*Sal-ħamsa (5.00).*

*Avukat Dottor Mario Scerri:*

*Sal-ħamsa ta' filgħodu (5.00 a.m.).*

*Ix-xhud:*

*Sal-ħamsa mbagħad inbdilt.*

*Avukat Dottor Mario Scerri:*

*Minn xħin tellajtu fil-lockup sal-ħamsa, talab l-għajnuna ta' xi ħadd hemmhekk?*

*Ix-xhud:*

*Xejn. Tlajt fejnu niċċekkja. Wara ftit kien rieqed ġos-sodda jiġifieri.*

*Avukat Dottor Mario Scerri:*

*Jiġifieri minn xħin inti tellgħajtu, jiġifieri ħadtlu l-informazzjoni kollha u niżżiltha fid-detainee book u tellgħajtu eskortajtu sal-lockup, minn dak il-ħin sakemm inti spiċċajt xogħol fil-ħamsa ta' filgħodu (5.00 a.m.) hu ma reġax kellmek.*

*Ix-xhud:*

*Le, ta.*

Din ix-xhieda hi importanti ghaliex dan l-ufficcjal kien il-persuna li ha r-responsabbilta' tal-imputat wara li ttiehed mill-ufficcjali l-ohra. Dan l-ufficcjal ghandu responsabbilta' kbira u l-Qorti se taghti piz hafna x-xhieda tieghu. Li kieku l-imputat ilmenta minn xi griehi u ugiegh kien fid-dmir tieghu li jitnizzel dan u jinforma lis-superjuri tieghu dwar dan. Li kieku l-imputat ried jilmenta dwar griehi li skont l-ufficcjal Scerri ma kellux, kellu jinforma

b'mod immedjat lil dan l-ufficcjal tal-pulizija jew lil haddiehor u normalment jekk is-superjuri jhossu anke jinfurmaw lill-Magistrat tal-Ghassa biex ikun jista' jahtar espert mediku forensiku biex ikun jista' jinvista lill-imputat u jkun jista' jikkonstata jekk kellux feriti fuqu, jiffotografhom hu u minhabba l-esperjenza li jkollu jista' jaghti dawl dwar minn fejn gew dawn il-feriti.

Mill-process jirrizulta li kien l-ghada li l-imputat beda jaghmel l-allegazzjonijiet fil-konfront tat-tliet ufficcjali tal-pulizija li kienu arrestawh il-lejl ta' qabel u talab biex jittiehed l-isptar ghall-kura. Kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Frank Tabone[28] kien l-imputat li qabel ma haduh l-isptar il-pulizija kif kien talab huwa ried li jehduh fir-residenza ta' nannuh Gioacchino Galea u insista maghhom li l-isptar ried imur ma' nannuh.

Kif diga' kkummentat il-Qorti dwar il-procedura li ghanda tkun addottata meta jsiru akkuzi bhal dawn, dan sar kontra kull norma tal-Pulizija specjalment meta jsiru allegazzjonijiet ta' swat mill-persuna li tkun tallega li soffriet l-iswat taht arrest. Kien minn hemm li Gioacchino Galea n-nannu tal-imputat mar l-Ghassa tal-Pulizija biex jaghmel rapport ghand l-Ispettur Frank Tabone jallega li neputih kien gie msawwat mill-pulizija. L-Ispettur baghat ghall-imputat u mar jiem wara biex ikellem lill-Ispettur fejn l-istqarrija li rrilaxxa l-imputat lill-Pulizija dwar l-allegat swat kien fl-24 ta' Mejju 2013, aktar minn xahar wara.

[28] a fol. 519 et seq.

Il-Qorti tinnota li meta l-imputat tressaq il-Qorti mixli b'dan il-kaz fl-24 ta' Mejju 2013 fil-prezentata[29] ma ntalab l-ebda espert mediku forensiku biex jezamina lill-imputat dwar swat. Dakinhar l-avukat difensur ipprezenta certifikat u ritratt tal-imputat fuq *stretcher* tal-isptar. Lanqas il-Qorti ma hasset li tinnomina espert dwar l-allegazzjoni li saret.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kaz il-**Pulizija vs Liam Mallia et.** deciza mill-Magistrat Francesco Depasquale fil-21 ta' Marzu 2018 fejn fuq talba tal-imputati meta tressqu l-Qorti, gie nominat espert forensiku biex jikkonstata dwar griehi li kellhom fejn irrizulta li kienu griehi hfief kompatibbli ma' *rough handling* jew *resisting arrest*.

Kien fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2014 li l-Qorti fuq talba tal-Prosekuzzjoni hatret lill-espert mediku forensiku Dr. Mario Scerri fejn skont il-verbal inghata inkarigu *biex mir-ritratti li esebixxa l-imputat konsegwentament jistabilixxi l-kundizzjoni medika in generali tal-imputat kif ukoll jiddetermina jekk il-feriti li jidhru fuq ir-ritratti esebiti mill-imputat humiex kompatibbli ma' dak deskritt mill-istess imputat fl-istqarrija tieghu meta skont hu gew ikkawzati dawn il-feriti.*

L-espert mediku forensiku Dr. Mario Scerri xehed fis-seduta tad-29 ta' April 2015:

[29] A fol. 6 u 7

*Jiena ġejt mgħoddi ritratti mingħand l-Ispettur Frank Tabone rigward Charles Paul Muscat li allega illi waqt l-arrest ġie msawwat. Dawn ir-ritratti kienu BCS1, 2, 4, 7, 9, 10, u 12, meħudin skont il-caption fuqhom fil-ħmistax (15) ta' April elfejn u tlettax (2013), u ritratti BC6, 8, u 11, meħudin nhar is-sittax (16) ta' April elfejn u tlettax (2013). Jien lil Charles Paul Muscat qatt ma eżaminajtu. Eżaminajt ir-ritratti. U ġejt mitlub biex nagħti l-opinjoni tiegħi dwar dawn ir-ritratti. Dawn ir-ritratti jidhru illi kellu tbenġila fuq in-naħa tax-xellug tal-wiċċ, b'haematoma, pereama haematoma kompatibbli ma' blaunt trauma magħmula minn stumenta li ma jaqtax u bla ponta jew ħabta ta' ras ma' strument li ma jaqtax u bla ponta. Kellu abrażjoni fuq in-naħa ta' wara tad-dahar, tal-parti ta' fuq tad-dahar li kellha qoxra xotta li ma kinitx distakkata, allura kienet friska u kienet kompatibbli ma' girfa. Imbagħad fuq l-aspett posteru laterali tas-sider kellu areas ta' abrażjonijiet li kellhom pattern li dawn l-abrażjonijiet kienu parallel, bi dritt xulxin, assoċjati ma' tbenġila ta' kulur ħamrinija tagħti fil-vjola. Dawn kellhom pattern li kien jixbaħ qiegħ ta' żarbun jiġifieri kellu foot imprint. Mela bażikament kellu dan il-foot imprint, kellu girfa f'dahru u kellu a peraorbital haematoma fuq in-naħa tax-xellug assoċjata nefħa u tbenġila, skont dejjem dawn ir-ritratti, li kienet kompatibbli ma' blaunt trauma.*

Il-Qorti issa se titratta dwar l-opinjoni ta' espert mahtur mill-Qorti li rrelata dwar ir-ritratti esebiti u skont l-opinjoni tieghu x'tip ta' griehi kien hemm u kif gew, billi se tirreferi ghal numru ta'

decizjonijiet fejn il-Qrati taghna trattaw l-artikolu 656 tal-Kap 9. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Akram Amar Swayah**[30] deciza fit-8 ta' Mejju, 2006 intqal:

*Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta' natura hafifa, ghaliex fil-fehma tieghu, peress li l-imputat [**recte:** il-vittma] huwa ragel ta' hamsa u erbghin sena u ghandu l-gangala, ma dehrlux li kellu jikklassifikaha bhala ferita ta' natura gravi.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l- perswazjoni tieghu. F'dan il-kaz il-Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll."*

*Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda spropozitu legali jew logiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taccetta jew ma taccettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit. Difatti, nonostante li l-perit gie nominat mill-Qorti specifikatament sabiex jezamina lil P.S. 951 Joseph Tonna (artikolu 650 tal-Kap. 9), l-artikolu 656 jghid testwalment:*

***"Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."***

---

30 Appell Kriminali Numru. 124/2005

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet anke toqghod ghall-fehma ta' Dr. Dino Vella Briffa li l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna "tinhass", u ma toqghodx ghall-fehma tieghu illi tali offiza ma tikkostitwix sfregju galadarba hija stess ikkonstatat illi l-offiza in kwistjoni "hija wahda visibbli minn distanza normali". Skond gurisprudenza ormai pacifika difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet **Il- Pulizija v. Paul Spagnol**, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) v. George Xuereb**[31] ippreseduta mill-Agent President Imhallef Joseph A. Filletti u l-Imhallfin Albert J. Magri u Geoffrey Valenzia fid-decizjoni tal-25 ta' Frar, 2011 intqal:

*"... anke tenut kont tal-inkarigu tieghu, jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti f'dawn l-ahhar snin, il-Qorti thoss fi kwalunkwe kaz it-talba ma tistax tigi milqugha peress li kif inghad fis-sentenzi hawn citati tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali"** (Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) u **"Melchior Spiteri vs Avukat Generali"** (Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) il-Qorti thoss illi l-analizi taghha, jekk tieqaf hawn, tkun inkompleta u ghalhekk skorretta. Skont dawn l-istess principji*

[31] Appell Civili Numru. 24/2008/1

*enuncjati f'dawn is-sentenzi johrog car illi din il-Qorti ghandha tqis l-assjem tal-provi kollha, u hija l-istess Qorti li ghandha tezercita l-irwol taghha ta' supervizjoni u ghandha taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha. Ghalhekk ghandha l-liberta` tiskarta l-opinjoni tal-esperti anke jekk mahtura minnha (***artikolu 656 tal-Kap. 9***) u l-partijiet ghandhom id-dritt iressqu l-provi taghhom."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-atti tal-allegazzjoni ta' genn fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri**[32] deciz fl-4 ta' Marzu, 2010 mill-Agent President Imhallef David Scicluna u l-Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph R. Micallef intqal:

*Jidher li l-gurati skartaw l-opinjoni ta' l-esperti psikjatri (kif del resto kellhom dritt li jaghmlu a tenur ta' l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali) u kkonkludew li l-appellant kellu kemm il-kapacita` li jifhem li dak li qieghed jaghmel huwa hazin kif ukoll il-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Din il-Qorti jidhrilha li l-gurati, ben diretti mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedu, skond il-buon sens, dwar il-kwistjoni li kellhom quddiemhom. Bhalma jghidu Timothy Jones u Michael Christie, b'referenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza in materja ta' eccezzjoni ta' demenza fil-kamp penali, u li hi simili hafna ghal dik taghna:*

[32] Appell Kriminali Numru 3333/2010

***"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."***

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat**[33] deciz mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef deciz fit-8 ta' Gunju 2006 iddikjaraw:

*Irid jigi notat ukoll illi skond l-artikolu 656 tal-Kap. 9:* ***"Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."*** *L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet illi f'dan il-kaz din ir-regola kienet tassumi importanza partikolari peress illi certi linji difensjonali kienu jiddependu minn jekk il-gurati jaccettawx jew le, b'mod*

[33] Appell Kriminali Numru 9/1996

*partikolari, il-konkluzjonijiet ta' Dr. Spiteri. Jigifieri l-Qorti kienet qed taghmel il-posizzjoni fil-ligi cara lill-gurati, filwaqt li spjegatilhom li* ***"kontra l-perswazjoni"*** *taghhom ma kienx ifisser* ***"kontra l-kapricc ta' mohhkom"*** *izda ghal raguni valida legalment.*

U finalment il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubbblika ta' Malta v. John Borg**[34] tat-13 ta' Lulju, 2006 deciza mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, Gino Camilleri u David Scicluna fejn kien dikjarat li:

*Wara kollox, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li:*

***"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali*** *[fit-test ingliz:* ***special knowledge or skill], ghandha tigi ordnata perizja."***

*Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal- ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'* ***Blackstone's Criminal Practice 2001***[35] *, "whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from*

[34] Appell Kriminali Numru 22/1997
[35] Para. F10.3 pagna 2120.

*formal study or training, experience, or both". Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet R. v. Bonython (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'* ***Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003***[36]*, King C.J. qal:*

***"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies.... Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion....***

***If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications...."***

*Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi*

[36] Para. 10-65 pagna 1234.

*kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il-kaz ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l- gudikant tal-fatt* ***"mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu"*** *(Art. 656). Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk il-Professur Hector Galea kienx l-ahjar espert li seta' jingieb f'dan il-kaz kienet kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati, u dwar dan, kif ser naraw, il-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.*

*F'dan il-kaz, il-Professur Galea gie mistoqsi mid-difiza jekk hux forensic odontologist u hu wiegeb li hu dentist u li jahdem fil-forensika. Din il-Qorti hi a konoxxenza tal-fatt illi l-imsemmi Professur Galea m'ghandux kwalifiki formali fl- odontologija izda taf ukoll illi ghandu snin konsiderevoli ta' esperjenza f'dan il-qasam. Issir referenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco*** *moghtija fl-1 ta' Dicembru 2005, u, bhalma ntqal f'dik is-sentenza, hawn ukoll tghid li ma tara l-ebda raguni sabiex tghid li l-Professur Hector Galea ma kellux il-kwalifiki mehtiega biex jikkonduci x-xoghol kollu mehtieg skond l-inkarigu li kien gie moghti mill-Magistrat Inkwerenti u li, fl-ahhar mill-ahhar, il-gurati kienu dejjem liberi li jaslu ghal konkluzjoni differenti u ma jaccettawx l-opinjoni tieghu.*

Dwar griehi fuq l-imputat f'dan il-kaz, il-Qorti fliet ukoll dak li qalu t-tobba kollha jiem jew gimghat wara l-incident, **Dr. Joseph**

**Farrugia (a fol. 188 et seq.), Dr. Nathalie Gatt Ellis (a fol. 208 et seq.), Dr. John Borg (a fol. 212 et seq.) u Dr. Peter Muscat (a fol. 240 et seq.)** liema tobba ma kinux mahtura mill-Qorti biex iwettqu dak deskrit li ghamlu u ccertifikaw.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

**Il-versjoni tal-pulizija**

L-imputat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jargumenta li:

> *Ghall-kuntrarju ta' Sonia Vella u ta' Charles Paul Muscat, it-tliet pulizija tal-Mobile Squad kemm-il darba sabu ruhhom f'diffikulta` waqt il-kontroezami, specjalment meta bdew jigu bbombardjati f'mistoqsijiet fuq l-ghemil illegali taghhom. Meta gew ikkonfrontati bil-provi tal-griehi fuq l-imputat, huma kellhom jirrikorru biex ighidu aktar u aktar gideb taht il-gurament, bit-tama li ma jinqabdux. Huma spiccaw ighidu banalitajiet bhal li Charles Paul Muscat irrezistihom waqt l-arrest, meta wiehed minnhom hu Instructor tal-Martial Arts (PC Joseph Portelli) u huma dahlu b'arma tan-nar f'idejhom. Huwa kien rieqed fid-dlam, liebes biss boxer shorts. Kif jista' bniedem jirrezisti l-arrest meta jittiehed ghall-arrieda waqt li jkun rieqed? Kif seta' biss jahseb li jaghmel rezistenza meta hu kien wahdu, imnezza, u huma kienu tlieta armati qieshom tankijiet tal-gwerra?*[37]

Il-Qorti wara li qrat ix-xhieda kollha f'dan il-process u dan anke fl-isfond tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar, m'ghandhiex ghaliex

[37] A fol. 929

tiddubita mix-xhieda li taw l-erba' ufficcjali tal-Pulizija PS715, PC138, PC870, u PS820 dwar il-fatti kif sehhew.

(i) fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' April 2013, kien l-imputat li kien barra mid-dar tieghu wara nofsillejl bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta provvizorja li ried ikun rinkazat sa mhux aktar tard minn nofsillejl;

(ii) kien l-imputat li meta nizel minn Triq ix-Xtut ghal Triq Santa Marija, Marsalforn, saq kontra s-sinjal tal-*one-way* meta kiser u dar ghal-lemin tat-triq meta hemm tabella wkoll li turi car li m'hemmx *no right turning;*

(iii) kien l-imputat li ma waqafx fuq l-i*stop sign*, u ma naqqasx il-velocita' tas-sewqan tieghu fuq il-*give way signs* jew *pedestrian crossings* fi Triq Il-Kapuccini, fl-inkrocju ta' Triq ir-Repubblika, u Triq Taht Putirjal, Victoria;

(iv) kien l-imputat li saq b'velocita' eccessiva fi Triq Manwel Magro, hdejn ir-roundabout ta' Triq ir-Rabat, Marsalforn, fi Triq ir-Repubblika, u fi Triq Taht Putirjal;

(v) kien l-imputat li saq ghal fuq PC870 Ruben Farrugia kif rah hareg mill-karozza;

(vi) kien l-imputat li naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-

pulizija, u harbilhom;

(vii) kien l-imputat li irrezista l-arrest.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

**<u>L-ewwel (1) u t-tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 96(a) u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta):</u>**

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficcjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficcjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficcjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex

necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Giuseppe Borg** jinghad:

> *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficcjal pubbliku, jikkontempla tliet elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dan ir-reat.

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-Mamo jkompli jghid: *"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the*

*lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dan jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficcjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficcjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn

dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-**Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

> "Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-Artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi riferenza sejra ssir issa ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat. Jirrizulta b'mod car is-segwenti:

L-imputat saq ghal fuq PC 870 Ruben Farrugia kif rah hiereg mill-karozza. L-imputat naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi tal-pulizija li jieqaf meta mitlub jaghmel dan u dan kien qieghed jitwaqqaf fuq ksur ta' kundizzjonijiet ta' liberta' provvizorja. L-imputat irrezista l-arrest kemm meta twaqqaf Marsalforn kif ukoll

fil-flat tieghu fix-Xlendi.

Ghalhekk il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni (1).

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

**<u>Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi taht it-tielet (3) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze** deciza fil-25 ta' Gunju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-awtorita' ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l-ordni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta tas-6 ta' Ottubru 1992, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Austin Grech). Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) tal-Artiklu 338 tal-Kodici Kriminali jekk ikun *prima facie* legittimu, jigifieri jkun *prima facie* regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata. Ma jirrizultax li kien hemm xi haga *prima facie* rregolari fl-ordni li PC 604 ta lill-appellanti u ghalhekk, kienet x'kienet il-kariga taghha, hi kellha toqghod ghal dak l-ordni u mhux tisfida

l-awtorita' pubblika".

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti jirrizultalha li l-imputat naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija u dan kemm meta l-imputat kien Marsalforn meta twaqqaf mill-pulizija u kif ukoll meta kien fl-appartament tieghu fix-Xlendi. Ghalhekk isegwi li tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha izda ghall-kunsiderazzjoni dwar piena se tkun kompriza fl-ewwel imputazzjoni.

**Ir-raba' (4) imputazzjoni**

**L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 – Sewqan bla kont, traskurat u perikoluz flimkien mal-hames (5), sitt (6) u seba' (7) imputazzjoni kontravenzjonijiet marbuta mat-traffiku**

L-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jistabilixxi li:

> *"Kull min - (a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle; jew (b) iġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenza meħtieġa biex issuq vettura bil-mutur jew vettura oħra, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk*

*ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu."*

Il-legislatur ma jaghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi sewqan bla kont, traskurat jew perikoluz. Allura jispetta lill-gudikant li jaghti l-interpretazzjoni tieghu u jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas tal-legislatur.

Ta' ghajnuna f'dan ir-rigward hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997 (Riportata f'Volum LXXXI.iv.57) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Il-Qorti kienet irriteniet li:

> ***"Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*
>
> ***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

*__Sewqan perikoluz__ (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara* **The Police vs Charlotte Chamberlain,** *Appell Kriminali, 21/5/96)".*

Il-kwistjoni jekk sewqan jistax jigi klassifikat bhala negligenti, bla kont jew perikoluz hija kwistjoni purament ta' *"degree"*.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Gellel**, deciza fid-19 ta' Frar 2004 intqal li:

*"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App.* ***Krim. Pul. Vs Charles Bartolo,*** *14.3.59,* ***Pol. vs Wilson [Vol.*** *XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs Alfred Vella*** *[Vol. XLIV,* ***p.*** *933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App.* ***Krim. Pul. vs Hardingham,*** *19.10.1963)."*

*Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina,*** *20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Mix-xhieda ta' PS 820 Jonathan Vella jirrizulta li l-imputat Charles Paul Muscat waqt li kien qieghed jahrab lill-pulizija fi triqtu minn Marsalforn lejn ix-Xlendi waqt li kien riesaq lejn 'pedestrian crossing' naqas li jnaqqas il-velocita', ecceda l-limitu ta' velocita' waqt li kien ghaddej minn gewwa Belt jew Rahal u saq vettura kontra s-sinjal li kien jindika li ma hemmx dhul.

PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia jiddeskrivu wkoll il-mod perikoluz li bih saq l-imputat f'Marsalforn.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan jinkwadra bhala sewqan perikoluz u ghalhekk l-imputat huwa hati tar-raba' imputazzjoni bil-hames, sitt u seba' komprizi.

**<u>Id-disa' (9) u l-hdax (11)-il imputazzjoni</u>**
**Ksur tal-artikolu 110(1) u 101 tal-Kap 9**

Illi permezz tad-disa' u l-hdax imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat gie addebitat bir-reati kontemplati fl-Artikolu 110(1) u 101 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' z-zewg forom ta' kalunja.

L-imputat fl-ewwel lok gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-Artikolu 110 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta - 'l hekk imsejjah "holqien qarrieqi ta' provi foloz" li jipprovdi s-segwenti:-

> *"Kull min bil-qerq johloq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, jehel..."*

F'dan ir-reat l-imputat irid b'qerq johloq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkun jista' jingieb bi prova kontra persuna ohra sabiex tigi akkuzata kontra s-sewwa.

Huwa importanti li l-malvivent ikun jaf li jkun qed jaghmel hekk b'mod doluz sabiex il-persuna innocenti tkun tista' taffaccja proceduri kriminali.

L-element materjali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-fatt li bniedem jikkreja b'mod doluz fatt li jista' jintuza bhala evidenza f'kaz kriminali kontra persuna innocenti. L-element intenzjonali jikkonsisti fl-intenzjoni da parti tal-agent li jara li persuna innocenti tigi misjuba hatja jew akkuzata b'reat meta kien jaf li tali persuna hija innocenti. Dan ir-reat huwa kkunsmat fil-mument li l-elementi materjali u intenzjonali jikkonkorru - **irrespettivament jekk persuna tressqitx il-Qorti jew le**.

Il-Professur Sir Anthony Mamo[38] jikkwota l-Maino li jghid dwar dan ir-reat:

> *"La calunnia reale consiste nel simulare a carico di persona che si sa innocente le tracce o gli indizi materiali di un reato …. Tale sarebbe il porre sul luogo del reato un oggetto simile a quello portato dalla persona che si vuole colpire, ovvero il porre sulla persona o nell'abitazione altrui un pugnale insanguinato, oppure una cosa furtiva."*

Il-Professur Mamo mbaghad jghid dwar dan ir-reat:

> *"The constituent elements of this crime emerge clearly from its definition. The material element consists in fabricating, that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on*

[38] Notes on Criminal Law, Vol. II, p. 58.

*the part of the agent to procure that that person be unjustly convicted of or charged with the offence. If these two elements concur the crime subsists, even though the person against whom the evidence was fabricated may not have been, in point of fact, convicted or even charged…. In the case of this form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."*

Illi mid-dicitura tal-Artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dan ir-reat hija illi taghmel hsara lill-persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunzja falza trid tkun tali illi a bazi tal-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija vs Doreen Zammit** deciz 15 ta' Gunju 2001 fejn gie deciz li *"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kienitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak li jghallem l-Imhallef William Harding fejn fil-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tratta r-reat ta' **falza denunzja**:

*"Biex ikun hemm ir-reat ta` falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibili quddiem il-Qorti ta` Gustizzja Kriminali. Ghaldaqstant min jiddenunzja falsament membru tal-Pulizija, li naqas mid-dmirijiet tieghu, ghalkemm jista` jgib konsegwenzi serji skond l-Oridnanza tal-pulizija, ma hux hati ta` kalunja. Ghax denunzja simili tista` taghti lok ghal inkjesta mill-kummissjaru tal-Pulizija, u l-piena tigi irrogata mill-Eccellenza Teighu l-Gvernatur, jew mill-Kummissajru jew Ufficjali iehor kompetenti, imma ma taghtix lok ghal azzjoni kriminali kontra dak il-membru tal-pulizija quddiem il-Qrati Kriminali. Dik id-denunzja pero`, tammonta ghal ingurja lil dak il-membru tal-Pulizija, u tigi punita taht dispozizzjonijiet diversi minn dawk li jikkontemplaw ir-reat tal-kalunnja."*[39]

Illi dwar il-kalunja l-Professur Sir Anthony Mamo jsostni li:

*... the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct, such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of... indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of*

[39] **Il-Pulizija Vs Vincenzo Attard** tas-7 ta' Novembru 1949

*fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.*

Illi l-imputat irrapporta lill-Pulizija Ezekuttiva incident. Dak li kellha tipprova l-Prosekuzzjoni kien li l-imputat kien qed jiffabbrika storja u li l-imputat kien jaf li qed jiddenunzja fatt li ma sehhx. Fl-atti tal-kawza hemm l-i*statement* li ghamel l-imputat fl-24 ta' Mejju 2013[40] fejn iddenunzja dan ir-reat u anke f'ittra b'*email* li ntbaghtet lill-Kummissarju tal-Pulizija[41] fit-30 ta' April 2013 mill-Avukat Difensur tal-imputat, wara li kien ghaddielu permezz ta' *email* minn jakgalea@go.net.mt dikjarazzjoni minn Charles Paul Muscat 4583G Clerk "*Beaten up and injured by 3 Gozitan Police Officers in my residence without offering any resistance what so ever*". Hemm ukoll imnizzel "*a draft statement to be given to Gozo Police Inspector Frank Tabone regarding my arrest on Saturday 14th April, 2013 at 1 am*".

Ghaldaqstant, l-imputat se jinstab hati tad-disa (9) u tal-hdax (11) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>L-ghaxar (10) imputazzjoni</u>**

**Ksur tal-artikolu 110(2) tal-Kap 9**

Permezz tal-ghaxar (10) imputazzjoni l-imputat gie akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' s-simulazzjoni ta' reat.

---

[40] A fol. 13

[41] A fol 37

Dwar s-subartikolu (2) tal-Artikolu 110 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

*"Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq johloq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sena."*

Illi dwar is-simulazjoni ta' reat, ir-reat kontemplat fl-artikolu 110(2) l- Professur Mamo jghid hekk:

*"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. [...] This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged [...]. The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the*

*presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. [...] Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation".*

Illi fis-sentenza moghtija fis-16 ta' Frar 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Mizzi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti fuq din id-disposizzjoni tal-ligi:

*"Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta' l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."*

Dan ir-reat ta' simulazzjoni ta' reat huwa differenti mir-reat ta' kalunja ghaliex f'dan ir-reat m'hemmx akkuza specifika kontra persuna specifika u m'hemmx l-intenzjoni tal-agent li jressaq il-Qorti persuna innocenti. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Farrugia** [per Vincent Degaetano] nhar it-2 ta' April 2004 qalet li l-Artikolu 110 (2) huwa destinat sabiex jikkreja

inkonvenjent u pregudizzju lill-awtoritajiet kompetenti ghaliex ikollhom jahlu l-hin sabiex jinvestigaw rapporti dwar reati li fil-verita′ ma sehhewx apparti l-allarm li jistghu jikkrejaw lill-pubbliku. F′dan il-kaz l-element intenzjonali jikkonsisti fil-fatt li l-agent iressaq informazzjoni dwar allegat reat li jaf li ma sehhx u ghalhekk l-intenzjoni specifika hija dik sabiex tizvijja l-gustizzja. Dan hu reat formali u hu kkonsmat fil-mument li jsir ir-rapport lill-pulizija esekuttiva.

Il-Qorti ser tikkwota dak kollu li qal l-Imhallef Vincent Degaetano minhabba l-importanza taghha:

> "Issa, ma hemmx dubbju li, bhal fil-kaz tar-reat ta′ kalunja, biex ikun hemm id-denunzja lill-awtorita` kompetenti, ma hemmx ghalfejn li jigu osservati l-formalitajiet preskritti fl-Artikoli 537 *et. seq.* tal-Kodici Kriminali: huwa bizzejjed li l-kalunja jew ir-reat simulat jingieb, anke jekk biss bil-fomm, a konjizzjoni tal-awtorita` kompetenti[42]. Issa huwa veru li, ghall-finijiet tar-reat ta′ kalunja (Art. 101), hemm gurisprudenza fis-sens li ddenunzja trid tkun spontanea u mhux biss volontarja. L-ewwel darba li dan il-punt gie affermat mill-Qrati taghna jidher li kien fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma′ appelli mill-Qrati tal-Magistrati) tal-24 ta′ Ottubru, 1951 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Nicola Brincat et***

[42] ***Il-Pulizija v. Nicholas Ellul*** App. Krim. 21 ta' Novembru, 1985.

(deciza mill-kompjant Imhallef Anthony Montanaro Gauci)[43]. F'dik is-sentenza dik il-Qorti dahlet f'certu dettal dwar dan il-punt kontrovers (fejn anke id-dottrina Taljana jidher li ma kienitx konkordi), izda jidher li kienet influwenzata principalment bil-kummenti tal-Falzon fil-ktieb tieghu **Annotazioni alle Leggi Criminali per l'Isola di Malta e sue Dipendenza**[44].

Ir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 110, pero`, gie introdott fil-ligi taghna bl-Ordinanza IX tal-1911 hu – kif josserva l-Professur Sir Anthony Mamo fl-appunti tieghu[45] – din id-disposizzjoni giet mudellata kwazi kelma b'kelma fuq l-Artikolu 211 tal-*Codice Zanardelli*[46]. Hija ghalhekk il-gurisprudenza jew id-dottrina, anke jekk Taljana, dwar din id-disposizzjoni li wiehed, se mai, ghandu jsegwi hu mhux dik dwar il-kalunja. Dan qed jinghad ghax, fil-fehma ta' din il-Qorti, filwaqt li ghar-reat ta' kalunja wiehed jifhem li l-ispontanjeta` tad-denunzja tista' tkun importanti proprju biex taccentwa l-intenzjoni specifika, li l-agent irid ikollu, sabiex jinkolpa persuna partikolari li huwa jkun jaf li hi innocenti, fil-kaz tar-reat ta' simulazzjoni ta' reat din il-Qorti ttendi li tara l-uzu tal-kelma "jiddenunzja" fis-sens generiku li "igib a konjizzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva".

---

[43] Ara wkoll ***Il-Pulizija v. Bashir Mohtar Ben Duoi u Luccarda sive Luckie Pace*** App. Krim. 26 ta' Awwissu, 1998.
[44] Malta, 1872.
[45] Notes on Criminal Law, Vol. II, p. 68.
[46] Articolo 211: "Chiunque denunzia all'Autorita` giudiziaria o ad un pubblico ufficiale, il quale abbia obbligo di riferirne all'Autorita` stessa, u reato che sa non essere avvenuto, ovvero ne simula le tracce, in modo che si possa iniziare un procedimento penale per accertarlo, e` punito….". Fil-kodici vigenti Taljan, l-artikolu li jitratta s-simulazzjoni ta' reat huwa l-Artikolu 367.

L-inkriminazzjoni skont l-Artikolu 110(2) hija intiza proprju biex tipprevjeni li l-awitorita' kompetenti toqghod tahli z-zmien tindaga dwar reat li ma jkunx effettivament sehh, apparti l-allarm li l-ahbar jista' jnissel fil-pubbliku u l-fatt li, fil-kors tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija jista' jaqa' suspett – intortament – fuq persuni li jkunu totalment innocenti. Francesco Antolisei, a propositu tar-reat kontemplat fl-Artikolu 367 tal-Kodici vigenti Taljan, jghid hekk:

> **A proposito della prima forma va notato che l'espressione "denuncia" non e` usata nell'articlo 367 in senso tecnico. Essa comprende anche il referto e il rapporto e, in genere, ogni *notitia crminis*, orale o scritta, non importa se presentata spontaneamente dal soggetto o per invite dell'Autorita` (per es., in un interrogatorio).**[47]

U anke l-insinji awtur Luigi Maino, fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 211, jghid hekk:

**Fu giudicato che, a costituire questo reato, non e` neccessaria la spontaneita` assoluta della denunzia: applicarsi quindi l'art. 210 [recte: 211] alla falza denunzia [anche quando e`] stata preceduta da qualche indagine del pubblico ufficiale.**[48]

U Ranieri Babboni jissintezza hekk l-iskop tal-inkriminazzjoni u r-rwol tad-denunzja:

---

[47] Antolisei, F., ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II***, Giuffre` (Milano), 1986, p. 895.
[48] Maino, L., ***Commento al Codice Penale Italiano – Volume Secondo***, UTET (Torino), 1924, p. 312, para. 1088.

**Trattandosi di un delitto contro l'amministrazzione della giustizia, l'elemento obiettivo del medesimo sta nell'inganno della gustizia stessa, che, per effetto della denunzia, deve procedere alle relative indagini, e niuna importanza ha la mancanza nella denunzia dei requisiti degli art. 98-100 cod. proc. pen., purchè vi sia la possibilità di un procedimento. Sull'attitudine della denunzia a determinare l'attività degli organi giudiziari non possono stabilirsi regole precise, e ogni giudizio in proposito dipende dall'apprezzamento dei fatti nei singoli casi. Può in generale affermarsi che la denunzia deve provenire da persona in grado di comprendere l'atto che compie, e deve riferirsi a un fatto che si presenti nell'insieme come un reato. Non è neccessario che la denunzia sia fatta spontaneamente, potendo essere costituita anche da risposte date all'Autorità giudiziaria, che venga per tal modo informata del preteso reato.**

**Equivale a denuncia la conferma davanti all'Autorità giudiziaria della notizia d'un reato fornita precedentemente ad altra Autorità.**[49] (sottolinear tal-Qorti)"[50]

---

[49] Babboni, R., "Dei delitti contro l'Amministrazione della Giustizia" in Babboni, R., *et al.* ***Trattato di Diritto Penale***, Vallardi (MilanoBabboni, R., "Dei delitti contro l'Amministrazione della Giustizia" in Babboni, R., *et al.* ***Trattato di Diritto Penale***, Vallardi (Milano), Seconda Edizione, Vol. V, p. 33.), Seconda Edizione, Vol. V, p. 33.

[50] Appell Kriminali Inferjuri - **Il-Pulizija vs Anthony Farrugia** - Imh. Vincent Degaetano, 2 ta' April 2004

Illi, maghmula din l-analizi legali ta' dan ir-reat, l-elementi legali li jsawwru dan ir-reat jirrizultaw f'dan il-kaz peress illi jirrizulta illi l-imputat kien qed jipprova johloq tracci ta' reat u kien qed jipprova johloq b'mod qarrieqi provi foloz u iddenunzja lill-Pulizija reat li jaf li ma kienx sehh. Dan ir-reat jippostula sitwazzjoni fejn persuna tivvinta li sar xi reat jew bil-qerq tohloq xi provi jew tracci li sehh xi reat bhal, per ezempju, il-kaz li jsehh ta' sikwit f'binjiet pubblici fejn persuna taghmel rapport anonimu illi hemm xi bomba f'wiehed minn dawn il-postijiet, li hija s-simulazzjoni verbali jew diretta. Jew inkella li sabiex jivvinta li sofra serqa mill-vettura tieghu, l-agent ikisser wahda mill-*quarter windows*, sabiex il-Pulizija jibdew jaghmlu l-investigazzjonijiet dwar ir-reat tas-serq – din hija s-simulazzjoni reali u indiretta. Illi l-ghan tal-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa li jippenalizza l-persuna illi jivvinta li sar reat kemm b'mod verbali kif ukoll materjali, sabiex b'hekk jinbdew investigazzjonijiet kriminali bl-ghan li jigi accertat il-kummissjoni ta' dan l-allegat reat. Il-Professur Mamo jghid:

> *"The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person."*

Mehud in kunsiderazzjoni dak li xehdu x-xhieda kollha f'dawn il-proceduri ma hemmx dubju illi dan jinkwadra ruhu fil-fatti speci

tal-kaz in dizamina. Jirrizulta li l-imputat meghjun minn nannuh iddenunzja lill-Pulizija reat li jaf li ma sarx.

Ghaldaqstant, l-imputat se jinstab hati tal-ghaxar (10) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

<u>**It-tnax (12)-il imputazzjoni**</u>

**L-artikolu 252(1) tal-Kap. 9**

L-imputat jinsab mixli ukoll bi ksur tal-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li "Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' xi ħadd, iweġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tlett xhur jew il-multa".

Issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' April 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Vella**:

> **"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ("with the object of destroying or damaging the**

**reputation of any person", fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali."**

Fl-email li ntbaghtet lill-Kummissarju tal-Pulizija bid-dikjarazzjoni tal-imputat fit-30 ta' April 2013[51] u l-istqarrija li ta l-imputat lill-pulizija fl-24 ta' Mejju 2013[52] din l-akkuza tirrizulta.

**<u>It-tlettax (13)-il imputazzjoni</u>**

**Art. 3 u Art. 11 tal-Kap 248**

Ghalkemm originarjament din l-imputazzjoni taht il-Ligi tal-Istampa nghatat fil-konfront tal-imputat fl-artikoli indikati fin-Nota tal-Avukat Generali ma kinux indikati.

Illi din il-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi indikati fin-Nota ta' Rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata.

Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

---

[51] A fol. 13

[52] A fol 37

Id-decizjoni fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

Tenut kont ta' dan, isegwi li l-Qorti m'ghanda l-ebda alternattiva hlief li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tlettax (13) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat stante li din l-imputazzjoni ma tirrizultax mill-ebda Artikolu kwotat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tal-Gudizzju.

**Konkors formali ta' reati[53]**

Hawnhekk jirrizulta l-konkors formali ta' reati. Ghalkemm il-Kodici Kriminali taghna ma jittrattax il-konkors formali tad-delitti, il-Qrati taghna f'diversi kazi dahlu fil-fond fid-dottrina relattiva. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fid-Decizjoni Preliminari fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Vincent Debono[54]**, iccitat is-sentenza tal-Qorti Kriminali, fl-ismijiet "**Rex v. Giovanni Simler et.**" [11.03.1921 – Kollez. XXIV.iv.910] fejn dik il-Qorti rriteniet li wiehed irid joqghod attent li ma jikkonfondix:

[53] Dwar dan dahlet fil-fond il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppreseduta mill-Magistrat Donatella Frendo Dimech fis-sentenza il-**Pulizija vs Jean Pierre Scembri** deciza fit-22 ta' Mejju 2017
[54] 25 ta' Jannar, 1983

"…l'esistenza di un concorso reale di delitti con la determinazione concreta della pena a cui assoggettarsi colui che ne sia reo, poichè altrimenti si correrebbe rischio di spostare la quistione dall'orbita delle responsabilità del reo in quella della applicazione della pena:…".

Kif irriteniet il-Qorti fic-citata sentenza, l-artikolu 19(h) [illum 17(h)] tal-Kodici Kriminali ghandu jigi kkunsidrat <u>biss</u> fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-piena fil-kaz ta' *"pluralità di lesioni unite fra esse da rapporti di mezzo a fine"*, fejn il-ligi taghna adottat is-sistema segwit fil-Kodici Penali Franciz tal-assorbiment, in kontraposizzjoni ta' sistemi ohra, cioè dak tal-kumulu tal-pieni li ghalihom ikunu soggetti d-diversi reati, u dik tal-kumulu guridiku, jigifieri l-kumulu materjali imma ridott.

Illi fis-sentenza msemmija, "**<u>Rex v. Giovanni Simler et.</u>**", wara li titkellem dwar l-insenjament ta' awturi bhal Carrara, Pessina, Roberti u Carmignani li kienu jsostnu illi *"quando più lesioni giuridiche separabili sono unite tra loro con vincolo di mezzo a fine si ha un solo reato"* il-Qorti tkompli tghid li din it-teorija llum hija kontestata minn kriminalisti bhal Impallomeni li jghallem illi jista' jaghti l-kaz li *"un delinquente con unica obiettività ideologica violi due diritti, e nonostante tra le due violazioni vi sia il rapporto di mezzo a fine, esse diano luogo a due obiettività materiali e a due obiettività*

*giuridiche".* Tkompli l-istess sentenza, però, li lanqas ma huwa korrett jinghad li fil-kaz ta' izjed minn reat wiehed *"unite fra loro con nesso di mezzo a fine"* hemm dejjem tant reati daqs kemm hemm vjolazzjonijiet tal-ligi, ghax, jista' jaghti l-kaz li zewg lezjonijiet ikunu tant intimament konnessi *"da formare un tutt'uno in maniera che non possa compiersi l'una senza compiere l'altra",* u allura f'dan il-kaz ikollna reat uniku.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **"Ir-Repubblika v. Leli sive Emanuel Buttigieg"** [23.03.1979] li segwiet il-principji ta' diversi decizjonijiet ohra in materja, fosthom "**Rex v. Giovanni Simler et**."., spjegat li dan jigri meta z-zewg lezjonijiet ikunu inseparabbli, b'mod li ma tistax issir wahda minghajr ma ssir l-ohra, u din l-inseparabbilità jehtieg li tkun naturali jew guridika, *"u mhux semplicement accidentali, ossija kawzata mill-kalkolu ossija l-malizja ta' l-akkuzat innifsu".*

Gie deciz ukoll li:

> **"Hu ormai principju stabilit li fejn l-istess fatt , rizultanti mill-istess u l-unika intenzjoni kriminali, jaghti lok ghall-ksur jew vjolazzjoni ta' diversi dispozizzjonijiet tal-ligi, ma jkunx hemm diversi reati distinti minn xulxin izda biss reat wiehed , bir-reati minuri assorbiti fir-reat aktar gravi. (Ara Appelli Kriminali:** "Camilleri vs. Cilia et." **[2.12.1839];** "Il-Pulizija vs. Cachia"

**[10.12.1939];** "Il-Pulizija vs. Pace" **[28.1.1939] u ohrajn.) …………….Illi minn dan jidher li f'dan il-kaz jista' jkun hemm l-elementi kollha li trid il-gurisprudenza biex japplika l-principju tal-assorbiment meta minn fatt wiehed w uniku johorgu zewg reati w dan stante l-konkors formali ezistenti bejn iz-zewg reati li bihom gie akkuzat l-appellant."[55]**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali f'**Il-Pulizja vs Sean Sinclair Pace** li gja saret riferenza ghaliha gie deciz:[56]

"Illi dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati giet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici Penali Taljan tal- 1889:

"***Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave.***"

Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dwar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:

***' In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now***

[55] Il-**Pulizija vs Jacques Cassar**, App. Kriminali Nru. 212/2004; 6 ta' Jannar, 2005, Onor. Imhallef Joseph Galea Debono
[56] Appell Nru. 519/2015, Deciz 26.05.2016. Onor Imhallef Dr. Edwina Grima.

***become settled law."***[57]

"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ **'Camilleri versus Cilia'** kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, **mibni fuq l-istess intenzjoni,** jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, **m'hemmx pluralita' ta' offiżi, iżda offiża waħda** bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.[58]"

Dwar il-konkors formali l-Professur Anthony Mamo fin-Noti tiegħu ikompli jgħid hekk:

***"The first form of the formal or Ideal concursus arises where the same 'fact' constitutes an offence under two or more provisions of the law. The two elements are, therefore, one fact and several violations of the law.... It is essential that the violations of the several provisions of the law be the result of a single action on the part of the offender and the same criminal determination.....in other words, they are accompanied by***

[57] Fid-decizjoni preliminari citata, rigward is-sentenza fl-ismijiet "**Rex v. Rosaria Portelli**" [23.02.1904 – Kollez. XIX.iv.1], il-Qorti rriteniet li din ma tistax tinghata piz preponderanti, sija in vista tal-konkluzjonijiet ohra li waslu ghalihom il-Qrati taghna f'decizjonijiet sussegwenti, u sija, principalment, ghax ir-ratio decidendi f'dik is-sentenza kien ispirat u koncentrat l-aktar fuq il-kwistjoni tan-nebis in idem.

[58] Il-**Pulizija vs Gregory Paul Brincat et** – App.Inf. 20/09/2012

*one formal element of the offence. That which therefore prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent. But, on the other hand, it must be noted that the 'fact' may consist of several acts or a series of acts which, being inspired by one single criminal purpose, constitute together one single deed or transaction.' (page 152)."..........*

**ZERO TOLERANCE**

Il-Qorti terga' ttenni li l-Pulizija jridu jkunu protetti waqt li jkunu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u hadd m'huwa skuzat – tkun xi tkun ir-raguni – li jhedded lil xi ufficcjal tal-Pulizija jew li b'xi mod iweggaghhom.

Ordni tal-Pulizija ghandha tkun obduta mal-ewwel u ghandu jintwera rispett lejn kull ufficċjal dejjem u kullimkien. Dan ir-rispett ghandu jidher b'mod l-aktar ċar u enfatiku f'sitwazzjonijiet fejn tkun dahlet imqar naqra tensjoni.

Il-Qorti qieghda tinnota li fis-socjeta' taghna qieghed ikun hemm aktar okkazzjonijiet fejn persuni mhux jobdu ordnijiet legittimi tal-pulizija u wisq aktar jattakkawhom fizikament u mhux l-ewwel darba li jkun hemm min isofri griehi anke gravi.

Il-Qorti ma tridx li membri tal-Korp tal-Pulizija jiddemoralizzaw ruhhom minn dan ghaliex mhux dejjem isibu l-appogg mixtieq

ghall-hidma taghhom, jekk ma jispiccawx ukoll huma stess mghoddija process popolari ghax iwettqu d-dmirijiet taghhom.

**F'dan il-kaz kellhom isofru fis-silenzju sa minn April 2013 u mhux biss ghaddew process intern, mhux biss kif inghad hawn saret Kawza Kostituzzjonali li tattakka l-hidma taghhom izda f'dan il-process id-difiza tal-imputat inkluz fin-Nota ta' Sottomissjonijiet finali nsiet min hu l-imputat u spiccat ghaddiet guri lill-pulizija li l-Qorti hi konvinta li ghamlu xoghlhom.**

**Fin-nota ta' Sottomissjonijiet tad-Difiza jinghad:**

> *L-ebda liġi f'Malta ma tippermetti imġieba bħal din mingħajr ġustifikazzjoni. Id-daqqiet li tawh, kompriża waħda qawwija fuq għajnu, u t-tisbit ta' rasu mal-art kienu l-apiċe tal-vjolenza mwettqa mill-pulizija. Dawn kienu jafu li qegħdin jiksru l-liġijiet tal-pajjiż kif ukoll id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent. Iżda lanqas biss taw każ ta' dak li jista' jiġi fuqhom jekk jinqabdu li ġabu ruħhom b'dak il-mod. Sawwtu lill-esponent ukoll wara li mmanettjawlu idejh it-tnejn wara dahru. Dan l-abbuz ta' poter bl-użu tat-tortura m'għandux jitħalla jsir impunement. Fil-kaz ta' dawn it-tliet 'pulizija', l-uniformi tal-Korp tal-Pulizija tittebba meta jxidduha huma. Ironikament, li kieku ma kienux pulizija, li ġew protetti mill-Ispettur Frank Tabone, mis-Suprintendent Simon Galea, mill-Kummissarju tal-Pulizija Peter Paul Zammit u mis-Suprintendent tal-Internal Affairs Unit Mario Spiteri, dawn it-tlieta għaddew ġuri fuq tortura, theddid u ġrieħi lil persuna*

*innoċenti, bil-manetti, waqt li kienet rieqda u indifesa fid-dar tagħha fil-ħin li huma sfrundaw ir-residenza tagħha u daħlu fuqha bl-armi tan-nar ikkargati f'idejhom. Iktar ma wieħed jirrifletti fuq dan il-każ, iktar wieħed jintebah kemm għandu implikazzjonijiet serji fuq kulħadd! Bejn Charles Paul Muscat u wrongful conviction, issa hemm biss din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta.*[59]

Il-Qorti terga' tfakkar f'dak osservat mill-Qorti fl-Appell Kriminali[60] **"Il-Pulizija vs. Mathew Peter O'Toole" [**2.3.06]

*" il-Qrati ma jistghux jittrattaw kazijiet bhal dawn fejn ikunu mhedda ufficjali tal-Korp tal-Pulizija, waqt li qed jaqdu dmirijiethom - kultant f'sitwazzjonijiet difficli u delikati - b' leggerezza, qisu ma gara xejn, bhallikieku l-Pulizija qieghed hemm biex jigi mzeblah, sfidat, u mhedded.*

*Illi jidher li l-appellant seta' kien taht l-influwenza ta' xorb alkoholiku eccessiv meta pprovoka dan l-incident bla bzonn, pero' dan bl-ebda mod ma jiskuzah."*

u fl-Appell Kriminali[61] "**Il-Pulizija vs. George Grech"** [23.6.05] il-Qorti qalet:

[59] A fol 927
[60] Qorti ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono
[61] Qorti ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono

*"Illi l-Qorti terga ttenni f'dak li diga' qalet f'diversi sentenzi li r-reati bhal dawk ammessi mill-appellant fuq membri tal-korp tal-Pulizija waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom ma jistghux jitqiesu leggerment mill-Qrati li ghandhom joffru kull protezzjoni lill-kustodji tal-ordni pubbliku meta jkunu qed jagixxu fiz-zamma tal-ordni taht cirkostanzi mill-aktar difficli u b'riskju kbir ghall-inkolumita' taghhom personali w li ghalhekk f'dawn it-tip ta' reati hija indikata piena karcerarja effettiva kif del resto tiddisponi l-ligi."*

Imbaghad fl-Appell Kriminali[62] "**Il-Pulizija vs. Anthony Roderick Farrugia"** [26.4.2007] dik il-Qorti qalet ukoll :-

*"Kif irriteniet din il-Qorti diversi drabi, reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-Pulizija kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu l-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi w ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b' leggerezza w jikkondonaw dak li ma ghandux jigi kondonat b'pieni irrizorji aktar u aktar meta dak li jkun ikun recidiv kif inhu f'dan il-kaz."*

**Illi l-akkuzi odjerni li l-imputat jinsab akkuzat bihom, jikkoncernaw attakk, ingurji u theddid fuq ufficcjali pubblici u ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha terga' tibghat messagg lis-**

[62] Ibid.

**socjeta' li tali atteggjament mhuwiex accettabli u ghandu jigi censurat.**

**Il-Pulizija Esekuttiva hija hemm sabiex tipprotegi c-cittadin u m'ghandhiex tigi mqieghda f'sitwazzjoni li tibza tezercita d-dritt taghha li tikkoregi lill-individwu li ma jkunx qed jimxi skont il-ligi jew inkella bhal fil-kaz tal-imputat li jahseb li hu "*untouchable*" bil-barka u l-appogg ta' nannuh Jack Galea.**

**Il-Qorti tinkoraggixxi lill-ufficcjali tal-Pulizija sabiex jintervjenu kull fejn ikun hemm xi nuqqas ta' terz u dan bl-intendiment li jkun hemm armonija shiha fil-pajjiz.**

Din il-Qorti taqbel u taghmel taghha d-dikjarazzjoni li ghamel il-kollega Magistrat Aaron Bugeja fil-kaz il-**Pulizija vs Jerkin Decelis**, deciza fit-22 ta' Novembru 2013:

> *L-imputat kien fid-dmir li, minghajr paroli u xenati zejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu gew moghtija lilu mill-Pulizija …L-ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija lic-cittadin ma humiex hemmhekk biex jigu konstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-ricevent. Qeghdin hemmhekk biex jigu obduti – dejjem u minghajr dewmien, ghalkemm bla pregudizzju ghad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama wara l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni. Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd tagixxi kif trid u joghgobha minghajr hadd ma jista' jzommha jew irazzanha. Nigu fi stat ta' gungla – l-*

*antitezi tal-ordni mehtiega biex il-hajja socjali tkun tista tezisti f'armonija relattiva.*

**DECIDE:**

Il-Qorti ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tlettax-il imputazzjoni minhabba li din l-akkuza ma kinitx indikata fin-Nota tal-Avukat Generali, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni bit-tielet imputazzjoni kompriza mal-ewwel wahda, tar-raba' imputazzjoni bil-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjoni komprizi, tat-tmienja, tad-disgha, tal-ghaxar, tal-hdax u tat-tnax-il imputazzjoni migjuba kontrih u wara li rat Artikoli 17f, 31, 95, 96, 338(ee), 101(1), 110(1), 110(2), 252, 533, 579(2)(3)(4) tal-Kap 9 u Artikolu 15(1)(a), 2 u 3 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 89(1) u 127(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-mutur, Avviz Legali Numru 128 tas-sena 1994 hekk kif gie sussegwentament emendat (L.S.65.11) tikkundanna lill-imputat **<u>tmintax-il xahar prigunerija u multa komplessiva ta' erbat'elef u hames mitt ewro (€4,500).</u>**

Jirrizulta wkoll li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest[63] meta wettaq ir-reat li ghalih jinstab hati ghalih illum. Din il-Qorti ma tistax tqis dan il-ksur bħala xi wieħed żgħir. Għalhekk ladarba l-imputat ghazel li jmur kontra wahda mill-kundizzjonijiet tal-istess liberta provvizorja u kien messu qagħad aktar attent meta

[63] A fol 84

kellu ċ-ċans, l-aġir tiegħu issa jorbot idejn din il-Qorti li ma tistax hlief tikkundannah ghall-agir tieghu.

Kwantu għal din l-imputazzjoni tmienja (8) filwaqt li tirrevoka l-għoti tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest mogħti fit-8 ta' Frar 2011 tordna l-arrest mill-gdid tal-ħati, u tordna li s-somma totali ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) imsemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta u dan skont l-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9.

Minhabba li l-imputat instab hati ta' sewqan perikoluz il-Qorti qeghda tiskwalifikah milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax-il xahar.

*Inoltre*, il-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija li x-xhud Sonia Vella tkun investigata dwar xhieda falza li tat f'dawn il-proceduri u jekk jirrizulta jittiehdu passi kriminali kontra taghha.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**